38



# MADONNA TA' PINU

**MADONNA TA' PINU**

perjodiku ta' kull xahrejn

Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.

*Kull korrispondenza għandha tkun indirizzata hekk:*

L-Editur,
"Madonna ta' Pinu",
Ċentru Kulturali Marjan,
Ta' Pinu, Għawdex.
Numru tat-Telefon: 556187.

**Abbonament għal sena:**

Lokali: 75ċ.
Sostenitur: Lm1.

Barra minn Malta: Lm1
Sostenitur: Lm2.

**INTENZJONI TA' DIN IL-ĦARĠA**

Biex permezz tat-tagħlim u fuq l-eżempju ta' San Ġwann Bosco, it-tfal u ż-żgħażagħ jikbru dejjem fid-devozzjoni lejn Marija.

*"Gozo Press", Tel. 551534.*

VOL. III — SENA IX — NRU. 38

**JANNAR — FRAR 1988**

* Il-Kelma tar-Rettur 1
* Innoloġija Marjana 2
* San Ġwann Bosco u l-Madonna 6
* Omm Tiegħi, Tama Tiegħi 7
* Santwarji Marjani f'Għawdex 11
* Ħarba fl-Eġittu u Qtil ta' l-Innoċenti 12
* Tama u Faraġ 13
* Il-Madonna kienet tgħidu r-Rużarju? 14
* Inħossuna qrib Marija — 2 17
* Tfal tħobbuha lill-Madonna? 18
* Ma' Marija fiż-Żgħożija 19
* Il-Mara tat-Tnax il-Kewkba 20
* Mill-Ħajja tas-Santwarju 24
* Grazzi Madonna Għax Smajtni 26

**STAMPA TAL-QOXRA:**

L-istampa tal-Qoxra turi l-Kwadru Mirakuluż li minnu l-Madonna Ta' Pinu kellmet lit-twajba Karmela Grima fit 22 ta' Ġunju, 1883. Dan il-kwadru, xogħol il-pittur Amadeo Perugino, tpitter fis-sena 1619. Din ix-xbieha tal-Madonna ġiet inkurunata mill-Kardinal Alessio Lepicier fl-1935.

# *Il-Kelma tar-Rettur*



*Wahda mill-festi tal-Madonna u li ahna niccelebraw f'dawn il-granet hija l-festa tal-Purifikazzjoni jew kif insibuha ahna l-festa tal-Gandlora.*

*Il-liġi mosajka kienet tordna li 40 ġurnata wara li jitwieled l-ewwel tifel fil-familja, il-ġenituri tiegħu kienu jridu jeħduh fit-tempju ta' Ġerusalem sabiex joffruh lill-Mulej għall-purifikazzjoni ritwali tal-omm. Anke l-ġenituri ta' Ġesù qagħdu għal din il-liġi għalkemm f'din il-ġrajja, il-proċeduri nqalbu, għaliex waqt li trabi oħra kienu jiġu ppreżentati mill-bnedmin lill-Mulej, din id-darba kien il-Mulej li ppreżenta lil Ibnu lill-bnedmin permezz ta' Xmun u Anna bħala offerta għall-ħelsien tal-bnedmin kollha, bħala dawl li jdawwal lill-ġnus.*

*It-tifkira ta' din il-ġrajja l-ewwel li bdiet issir kien fl-orjent ftit wara l-kitba tal-Vanġelu u kienu jsejħulha l-"laqgħa". Fis-seklu VI daħlet ukoll fl-oċċident biż-żieda tal-purċissjoni għall-bidu u bix-xegħil tax-xema' aktar tard, mnejn ħareġ l-isem ta' "Candelora" li aħna nsejħu "Gandlora", sabiex infissru li Ġesù huwa d-dawl tal-ġnus. Ix-xema' kienet tinxtegħel fil-knisja waqt il-funzjoni u wara kienu jeħduha d-dar u jużawha meta xi ħadd minn tal-familja jkun qed ighaddi minn din id-dinja għal għand il-Missier fis-sema, jiġifieri waqt l-agunija.*

*Illum l-entużjażmu reliġjuż ta' din il-festa qed jinqata' bħalma qegħdin jinqatgħu drawwiet reliġjużi oħra f'din id-dinja mgħaġġla, u mogħtija għall-materjaliżmu għad li l-Knisja ghadha tiċċelebra u tirrikmanda din il-funzjoni. Imma għad li forsi mhux ilkoll kemm aħna nieħdu sehem f'din iċ-ċelebrazzjoni tajjeb li nifhmu ftit it-tifsir tagħha. L-ewwelnett din il-festa tfakkarna fil-laqgħa tagħna ma' Kristu li huwa d-dawl tad-dinja. Xmun u Anna kellhom xewqa kbira li jaraw lill-Messija qabel ma jmutu u Alla tahom il-grazzja li jkunu preżenti fit-tempju meta l-ġenituri jieħdu lil Ġesù biex jagħmlu dak li kienet titlob il-liġi. L-ewwel laqgħa tagħna ma' Kristu hija meta l-ġenituri tagħna jeħduna fit-tempju għall-Magħmudija. Imbagħad nerġgħu niltaqgħu miegħu meta nibdew nirċievu l-Ewkaristija. Xmun kellu l-grazzja li jieħu lil Ġesù fuq dirgħajh, aħna għandna x-xorti li nilqgħuh b'mod aktar intimu u mhux darba biss imma kuljum u għalhekk aktar jista' jħeġġiġna bl-imħabba u jdawwalna bid-dawl tiegħu.*

*It-tieni ħaġa li tfakkarna din il-festa hija li Ġesù "huwa d-dawl biex idawwal il-ġnus". It-tqassim u x-xegħil tax-xema' li tagħmel il-knisja f'dan il-jum ma tagħmlux biex sempliċement tagħti biċċa xemgħa lil min jieħu sehem f'din il-funzjoni. Imma trid turina li fix-xema' għandna naraw lil Ġesù li aħna nieħdu d-dar magħna u neħduh mhux biex kif naslu ninsewh, imma sabiex permezz tiegħu aħna ndawlu mhux biss lill-bqija tal-familja, bl-imġieba u l-eżempju tagħna, imma nkunu ta' dawl ukoll għal kull min jiltaqa' magħna. Ġesù jagħtina d-dawl mhux biex indawlu t-triq tagħna biss u l-anqas inkunu tajbin fil-knisja biss, bħalma nżommu x-xema' tixgħel fil-knisja imbagħad nitfuha, imma biex aħna wkoll indawlu t-triq ta' l-oħrajn bil-fidi li nuru kull fejn inkunu. Aħna nistgħu nservu ta' dawl għall-oħrajn billi nippruvaw nifhmuhom, l-ewwelnett dawk l-aktar qrib tagħna, mhux b'mogħdija ta' żmien, mhux bi kritikar barra minn loku, imma bl-inkoraġġiment anke tal-aktar sforz żgħir li jagħmlu għat-tajjeb. Huwa dawl min jaf jagħder l-anzjan, jaf jisimgħu u jifhmu; huwa dawl min jaf jaħfer lil min jonqsu. Huwa dawl min iwissi lil min jiżbalja. Huwa dawl min ixerred l-istampa t-tajba. Anki inti tista' tkun dawl jekk tgħaddi din ir-rivista lil min jista' jaqraha!!!*

# INNOLOĠIJA MARJANA

*Mill-*
Eċċ. T. Mons.
Isqof N. Cauchi

# (18) Il-Madonna fil-Poeżija Franċiża

Fil-letteratura Franċiża, il-poeta li jimmarka t-tmiem tal-Medju Evu u l-preludju tar-Rinaxximent, huwa Francois VILLON. Ftit ħafna nafu dwar ħajtu ħlief dawn id-dettalji żgħar. Twieled fis-sena 1431 u miet fl-1480 u l-isem proprju tiegħu kien Francois de Loges. Ħajtu kienet waħda mqallba. Kien mogħti għax-xalar u għall-vizzji. Seraq minn kulleġġ ta' Navarre, u qatel qassis fil-festa tal-Corpus tal-1452. Kien ikkundannat għall-mewt fl-1462, iżda mbagħad din is-sentenza ġiet mibdula mill-Qorti ta' l-Appell, f'waħda ta' eżilju. Telaq minn Pariġi fl-1463 u l-istorja ma tgħidilna xejn aktar dwaru.



**Francois Villon**

Ix-xogħlijiet letterarji ta' Villon jikkonsistu prinċipalment f'żewġ poemi twal. L-ewwel waħda umoristika, "**Le Lais**" (1456) u l-oħra "**Le Testament**" (1461) u b'din ta' l-aħħar li kiseb il-fama poetika tiegħu. Hija tiġbor fiha għadd ta' ballati, li huma magħrufa ħafna, fosthom "**La Ballade pour prier Notre Dame**". Villon huwa kittieb kompless ħafna u jaqleb ta' sikwit minn diskors ta' tagħlim morali ġenwin, speċjalment meta jaqbad jitkellem fuq il-mewt, għal diskors għal kollox differenti, forsi wkoll vulgari.

Il-ballata li semmejna kitibha biex jikkuntenta lil ommu, mara twajba li kienet talbitu jiktbilha din il-poeżija. F'dawn il-versi tinħass il-fidi mheġġa ta' mara bla tagħlim, iżda ta' konvinzjonijiet reliġjużi profondi.

Wara introduzzjoni, li fiha l-Madonna hija msejħa "Sidt tas-sema u ta' l-art", Villon iqiegħed fuq xufftejn ommu din it-talba:

"Għid lil Ibnek li jien tiegħu
Bla dewmien ħabbibni miegħu.
Lil Marija l-Eġizzjana
Kif ħafrilha jaħfer lili.
Mill-irbit tal-ħtija jħollni,
Kif mir-rabta tax-Xitan
L-Iben tiegħek wisq setgħan,
Lil Teoflu, kittieb żieni
Li biegħ ruħu lil għafrid
Ħallu, u paċi taħ mill-ġdid.
L-għajnuna tiegħek rodd Verġni Marija
Tħallix li bla siwi jisfaw għalija
Ħafna quddies li smajt u t-Tqarbin
F'ħajti u f'mewti rrid ngħożż dan
it-twemmin.

## Ir-Rinaxximent

Matul ir-rinaxximent Franċiż, li beda fis-seklu sittax u kompla fis-sekli ta' wara, il-poeżija marjana mhix ħafna kotrana. Fis-salotti tal-aristokratiċi fejn kienu jiltaqgħu l-litterati, kif ukoll fl-Akkademja Franċiża, imwaqqfa mill-Kardinal Richelieu, fl-1635, kienet tingħata iktar importanza lill-umaneżmu li kellu xejriet pagani, milli

kienet tingħata lill-fidi u lir-Reliġjon nisranija. Tistagħġeb kif il-poeti l-kbar ta' din l-epoka bħal ma huma RONSARD (1524-1585) u DU BELLAY (1522-1560) għad li kienu jemmnu u jistqarru l-fidi kattolika, iżda insew għal kollox il-Madonna fl-opri poetiċi tagħhom.

'L hawn u 'l hemm iżda f'dan il-perjodu dehru xi poeżiji marjani ta' ċertu valur. Hekk Jean PASSERAT (1534-1602) li kien igħallem fil-College de Boncourt u kien surmast ta' Ronsard, kiteb, "**La priere à l'hereuse Vierge**". Eżempju ieħor huma x-**Chants Royaux** ta' Pierre GRINGOIRE (1475-1544) li fihom jidwi t-tifħir lill-Verġni bla tebgħa.

Fis-seklu sbatax, wasal ukoll fi Franza l-Moviment tal-Kontro-Riforma u flimkien miegħu reġgħet bdiet tiffjorixxi l-letteratura marjana. Nibdew b'Pierre CORNEILLE (1606-1684) li jissejjaħ "Il-Missier tat-Traġedja Franċiża". Huwa twieled minn familja għanja f'Rouen, ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-iskejjel tal-Ġeżwiti fl-istess belt, studja l-liġi u ħa l-lawrja iżda ma ħadimx ta' avukat għax kien itemtem, iżda sar maġistrat jew sindku tal-belt fejn twieled. L-ewwel xogħol tal-palk li pproduċa Corneille kienet il-kummiedja "**Melite**" (c1630) u s-suċċess tagħha ħajru jikteb xogħlijiet oħrajn kemm kummiedji bħal "**La Veuve**" u "**Le Menteur**" kif ukoll traġedji, ispirati xi wħud minnhom mill-istorja tal-Greċja u ta' Ruma, per eżempju, "**Medee**", "**Attila**" u "**La Mort de Pompee**". Corneille miet f'Pariġi fl-1684.

Kien bniedem ta' sentimenti reliġjużi qawwija u fost ix-xogħlijiet poetiċi tiegħu ħallielna "**L'Imitation de Jesus Christ**" (1651), "**Louanges de la Sainte Vierge**" (1665), "**L'Office de la Sainte Vierge...et tous les hymnes du Breviare Romain**" (1660). Ittraduċa wkoll taħt forma poetika, innu twil bil-latin li kien attribwit lil San Bonaventura.

Ħabib ta' Corneille u devot tal-Madonna bħalu kien Georges De BREBEUF, li twieled f'Thorigny fl-1616 u miet qrib Caen fl-1661. Qaleb għall-Franċiż, il-"**Pharsalia**" tal-poeta latin LUCANUS, iżda wara ghamel minnha parodija. Barra mill-versi reliġjużi meditativi, De Brebeuf kiteb poeżija twila u ħelwa li ddedikaha lit-"tres digne Mere de Dieu". Din il-kompożizzjoni kienet togħġob ħafna anke lill-Kardinal Mazarino, ministru tas-Sultan ta' Franza.

Fis-seklu sbatax, l-ambjenti kulturali ta' dan il-pajjiż, kienu maħkumin minn tliet movimenti li fixklu ħafna l-fervur tad-devozzjoni marjana u għalhekk naqas it-tifħir lill-Madonna anke fil-poeżija. Dawn kienu r-razzjonaliżmu, il-ġanseniżmu u l-Gallikaniżmu. Madankollu, il-kittieb magħruf għall-fjabi jew ħrejjef li kiteb f'sura ta' poeżija, La FONTAINE (1621-1695) għandu invokazzjoni sabiħa lill-Madonna, f'waħda mill-kompożizzjonijiet tiegħu. Ta' din l-epoka wkoll, huwa Francois MALAVAL, li kiteb żewġ innijiet marjani u kien l-ewwel fost il-Franċiżi li weġġagħ bil-versi tiegħu lill-Qalb Immakulata ta' Marija.

### Ir-Romantiċiżmu Franċiż

Il-kittieb prosatur, Francois Renè de CHATEAUBRIAND (1768-1848) bil-ktieb tiegħu "**Le Genie de Christianisme**" reġa' qanqal interess f'ċerti valuri spiritwali u reliġjużi li fis-seklu ta' qablu, kienu ġew imwarrbin fil-ġenb u ħafna kienu ħasbu li



**Francois Renè de Chateaubriand**

spiċċaw darba għal dejjem. Fi Franza, bir-romantiċiżmu, li fuqu Chateaubriand kellu influwenza deċisiva, l-arti u l-kultura in ġenerali, f'dak il-pajjiż, qorbu iktar lejn Kristu u lejn il-Knisja tiegħu, u dana ftit jew wisq ġara wkoll fil-pajjiżi l-oħra ta' l-Ewropa bi tradizzjoni kattolika. Mill-ġdid għalhekk, Marija, reġgħet feġġet bħal kewkba wenniesa li tispira l-poeżija ta' dan il-perjodu.

Fl-ewwel fażi tar-romantiċiżmu Franċiż, cioè dik li kienet fl-aqwa tagħha, madwar is-sena 1830, fost il-kittieba kattoliċi li nqdew bil-pinna tagħhom sabiex igħollu l-ġieh tal-Imqaddsa Verġni, insibu lil Louis VEUILLOT (1813-1883) poeta sinċier u polemista kuraġġjuż, li jitkellem fit-tul dwarha, fil-kotba tiegħu "**Pelerinages de Suisse**", "**Saint Rosaire meditè**" u "**Rome et Lorette**".



**Louis Veuillot**

Fit-tieni fażi tar-romantiċiżmu, dik tal-1880, imsejjaħ ukoll "Noe-romantiċiżmu", il-poeti Franċiżi jippreferu ta' spiss dak li huwa frott tal-fantasija, 'il bogħod mir-realtà u li mhux possibbli tfissru bir-raġuni; ħafna minnhom jirritornaw ukoll għas-simboliżmu. Is-sentimenti u l-ispiritwalità nisranija jitfaċċaw ta' spiss fil-kompożizzjonijiet liriċi, li f'din il-ħabta huma kotrana.

Ma jistax ma jissemmiex hawnhekk, PAUL VERLAINE (1844-1896) li bħal Villon, kien bniedem li jħobb l-għażż u l-pjaċiri, mogħti għad-dinja u għall-vizzji. Telaq lil martu u ħarab lejn il-Belġju. Kisirha ma' ħabibu, il-poeta Rimbaud u ferieh b'tir ta' revolver, u fuq hekk laqqat sentejn ħabs. Meta ħareġ minn hemm taha għax-xorb. Għadda l-aħħar snin ta' ħajtu fl-isptar u miet fil-faqar. Midneb li jikkonverti u jerġa' jaqa' fil-ħtija, iżda min-kejja l-irwiefen tal-passjonijiet li għadda minnhom, f'qalbu ma ntfiet qatt għal kollox dik ix-xrara ta' mħabba lejn Kristu u l-Imqaddsa Omm tiegħu.

Il-poeżija ta' Verlaine, daqqa melankolika u daqqiet oħra ferrieħa, xi drabi xempju ta' għaqal u ta' serjetà fil-waqt li drabijiet oħra mimlija ħażen u faħx, kollox jiddependi mill-burdata li jkun biha. Iżda ħajtu saret leġġenda u x-xogħlijiet tiegħu influwenzaw mhux ftit il-moviment simbolista. Il-poeżija nisranija ta' din l-epoka għandha dejn kbir lejn Verlaine, kif il-proża hija midjuna ma' Chateaubriand.

Bħala eżempju tal-versi marjani ta' dan l-awtur, nieħdu silta żgħira mill-ktieb "**Amour**" (1888). Fil-poeżija reliġjuża ta' Verlaine m'hemmx profondità teoloġika u ħafna kontenut dottrinali, iżda għal dan in-nuqqas ipattu l-fervur, is-simpliċità u s-sinċerità tiegħu.

"Bla ebda qerq, bħal ma jintraxx ġonnar l-inċens
U bħalma suldat għal artu jċarċar demmu
Xtaqt jien indomm flimkien ta' ruħi x-xewqat
U ninseġ għanja ħelwa lix-Xbejba Mqaddsa Marija
Iżda jien mgħobbi bid-dnubiet u ftit jistħoqqli dan.

## Is-seklu għoxrin

Fost il-kittieba kattoliċi tas-seklu tagħna, insibu lid-drammaturgu u poeta Paul CLAUDEL, li twieled fl-1868, ikkonverta għar-reliġjon kattolika fl-1886 u miet fl-1955. Beda l-karriera diplomatika u qatta' xi snin f'Boston (U.S.A.) u fiċ-Ċina. Kien hemm xi żmien li fih ħaseb li kellu vokazzjoni saċerdotali, iżda mbagħad fl-1906 iżżewweġ lil Reina Sainte Marie Perrin. Huwa serva bħala ambaxxatur Franċiż, f'Tokyo, f'Washington u fi Brussels. Ġie maħtur membru tal-Akkademja fl-1946 għall-mertu letterarju tiegħu.



**Paul Claudel**

Kien bniedem profondament reliġjuż u devot tal-Imqaddsa Marija li tissemma ta' spiss fid-drammi tiegħu bħal ma huma "**L'Annonce faite a Marie**" (1912) u fil-kotba tal-poeżija bħal "**Corona benignitatis anni Dei**" (1915) u "**Poemas de guerre**" (1922).

Il-poeta Charles PEGUY miet fl-Ewwel Gwerra Dinjija, fil-battalja ta' Marne fil-5 ta' Settembru 1914, fl-għomor ta' 41 sena. Kien twieled f'Orlean fis-7 ta' Awissu 1873. Għad li kien bin il-bdiewa, tgħallem waħdu u sar wieħed mid-dixxipli l-iktar famużi tal-filosofu Bergson. Meta kellu 25 sena beda jippubblika r-rivista "**Cahiers de le Quinzaine**". Jagħti xhieda tat-twemmin kattoliku u tal-qima lejn il-Madonna, fil-kotba poetiċi tiegħu, bħal "**Les Tapisseries**", "**Eve**" u "**Le Mystere des Saints Innocents**". Minn dan ta' l-aħħar hija meħuda s-silta li ġejja:

Mingħajr nuqqas m'hemm ħadd ħlief
jien — igħid Alla,
Ibni u jiena.
Ġewwa l-ħolqien, m'hemm ħadd
mingħajr nuqqas ħlief tlieta,
Bla ma jitqiesu l-anġli.
Dawn huma Adam u Eva qabel id-dnub
U l-Verġni fiż-żmien u fl-eternità,
Eterna doppjament.
Żewġ nisa biss, għad li fil-ġisem kienu
safja
U kienu bil-ġisem, għad li kienu safja,
Dawn huma Eva u Marija;
Eva sakemm waqgħet fil-ħtija
Marija għal dejjem.

It-tifħir tal-Madonna jinstema' wkoll fil-poeżija sempliċi, franġiskana u mużikali ta' Francis JAMMES (1868-1938) kif ukoll f'dik ta' Pierre EMMANUEL, psewdonomu ta' Jean Noel MATHIEU li twieled fl-1916 u kien wieħed mill-poeti magħrufa tar-Reżistenza Franċiża fit-Tieni Gwerra Dinjija. Fil-poeżiji twal tiegħu, iżewweġ flimkien is-Simboliżmu u l-Barokk. Għamluh membru tal-Academie Francaise fl-1968. Ta' interess marjoloġiku huma l-kotba tiegħu, "**Le peote et son Christ**" (1942) u "**Evangeliaire**" (1960).

Intemmu din il-ħarsa lejn il-letteratura Franċiża, b'Max JACOB, li twieled minn familja lhudija fis-sena 1876. Studja fl-Ecole Coloniale. Kien jinqala' mhux biss għall-poeżija iżda wkoll għall-pittura. Sar magħruf wara l-pubblikazzjoni tiegħu, "**Le Cornet à des**" (1917). Kien ħabib ta' Picasso u ta' Apollinaire. Sar kattoliku fl-1915. Miet fil-kamp tal-konċentrament fl-1944, fejn kien ġie mibgħut min-Nazisti, wara li arrestawh fil-knisja ta' Saint Benoit-sur-Loire. Jittratta temi marjani kemm fil-ktieb "**La defense de Tartuffe**" (1919) kif ukoll f' "**Le Laboratoire Central**".,

# San Ġwann Bosco u l-Madonna

*Minn* REV. GEORGE MERCIECA STL.

San Ġwann Bosco kien tassew devot tal-Madonna u xerred mad-dinja kollha l-qima lejha bħala Omm Ġesù. Min iħobb lil Ġesù ma jistax ma jkunx ukoll iħobb lil Ommu Marija Santissima.

Ġwanni Bosco kien jiftaħar li hu "twieled fil-jum ikkonsagrat lil Marija Assunta"; fil-fatt, twieled fis-16 t'Awissu 1815. Skond Dun Ceria, Dun Bosco kien jaħseb li twieled fil-15 t'Awissu. Ta' min jinnota li fil-Piemonte dak li kien jiġri ftit qabel jew wara l-15 t'Awissu kienu jqisuh ġara fil-Madonna t'Awissu. Insomma, il-Madonna tieħu dritt fil-ħajja tal-qaddis post speċjali. Ta' disa' snin kellu ħolma li fiha Ġesù tah bħala Mgħallma lil Ommu Marija "dik li ommok għallmitek isselmilha tliet darbiet kuljum".

Anki l-ambjent li trabba fih Ġwanninu kien kollu kemm hu ambjent marjan: ommu kienet tgħidlu jsellem lill-Madonna u kienet tgħidlu r-rużarju kuljum; Torin kienet ukoll il-belt tal-Madonna bis-santwarju magħruf tal-Konsolata. Barra minn hekk, fi żmien Dun Bosco l-iktar ktieb magħruf tad-devozzjoni marjana kien il-**Glorji ta' Marija** ta' S. Alfonz Marija dei Liguori. L-ikbar ħabib ta' Dun Bosco fis-Seminarju, Dun Luigi Comollo kien spiss ikellmu fuq il-Madonna li kien iħobb "b'tenerezza u riverenza" kbira.

Għal Dun Bosco, Marija kienet dejjem "omm għażiża" u xerred il-kult lejha taħt dawn it-titli: "Qalb imqaddsa ta' Marija", "Marija Addolorata", u l-"Immakulata Kunċizzjoni". Id-Domma tal-Kunċizzjoni Immakulata ta' Marija fl-1854 xegħlet il-qalb ta' Dun Bosco u ta' Duminku Savio, tant li dan it-tfajjel waqqaf dik li ngħidulha l-**Għaqda ta' l-Immakulata** biex ikabbar il-qima u l-imħabba lejn il-Madonna fil-qlub ta' sħabu. Din l-għaqda twaqqfet uffiċjalment fl-1856.

Sa l-1862, però, Dun Bosco kien għadu ma bediex id-devozzjoni lejn il-Madonna taħt it-titlu ta' **Marija Għajnuna ta' l-Insara**. Imma fl-1863 Dun Bosco beda jiċċelebra u jqim lil Marija taħt dan it-titlu.



**Ritratt veru ta' Don Bosco**

Infatti kiteb: "Il-Knisja tattribwixxi lil Marija r-rebħa fuq l-ereżiji".

Marija Għajnuna ta' l-Insara kienet ir-Reġina tal-battalji ta' Lepanto (1571) u ta' Vjenna (1683) u kienet ukoll hi li salvat lill-Papa Piju VII mill-ħabs ta' Fontainebleau fl-1814. Kienet u tibqa' l-protettriċi ta' "l-eżerċti li jitqabdu għall-fidi". Malli l-insara jsibu xi diffikultà, Marija taqbeż dritt għalihom, quddiem Binha Ġesù. Dun Bosco ried ixerred dan it-titlu ta' Għajnuna ta' l-Insara għax fis-seklu li għex fih kienet qed tiġi "attakkata l-Knisja Kattolika stess"

U baqa' sal-mewt ixerred id-devozzjoni lejn Marija. Anki fl-aħħar ħamsa u għoxrin sena ta' ħajtu (1863-1888) qatt ma nesa lil Marija Għajnuna ta' l-Insara u magħha kienet tiġih quddiem għajnejh dik l-immaġini tal-Madonna ta' l-ewwel snin tal-quddiesa, bħala Omm ħanina, Konsolata, Immakulata u t-tjubija materna ta' Marija għas-servizz tal-Knisja.

*Fl-okkażjoni tas-Sena Marjana qed nippubblikaw sett ta' rifless-jonijiet miktuba mill-***W.R. MONS. SALV BORG,** *Arċipriet tal-Kolleġġjata Bażilika ta' San Ġorġ, Victoria. Kull riflessjoni tieħu l-forma ta' djalogu bejn il-bniedem u l-Madonna.*

# OMM TIEGĦI TAMA TIEGĦI

## (5) IT-TALB

Bilqegħda,
bin-knitting f'idejha,
b'għajnejha jżebbġu
'il hawn u 'il hinn;
moħħha f'kuġintha
li ħarbet ma' raġel miżżewweġ,
kienet qegħda tqassat ir-Rużarju,
ma' sħabha, nisa oħra,
anke huma mehdija
b'kull min ikun għaddej.

Xejn pawsi,
biex jaħsbu xi ftit,
x'qed igħidu u jagħmlu.
Għajr waqfiet għall-bżonn,
biex bejn Ave Marija,
u oħra,
jiġġudikaw
lil kull min kien għaddej.
U hekk, taħt għaxar minuti,
temmew ir-Rużarju,
u fl-aħħar tennew:
"Għall-erwieħ! Ħlisnieh!!!"



Il-Ground kien mimli daqs bajda,
tfal jiġru, jilgħabu, jogħlew.
Ballun imwaddab minn naħa għall-oħra
Twerżieq u għajjat,
Min jimbotta,
min jixxuttja
kulħadd ferħan;
għarqanin xraba.
Kulħadd fis-seba' sema,
insew il-homework,
u l-gdiedem tas-'Sir',
addijo kotba,
pitazzi, rigi u lapsijiet.

U ż-żmien għaddej,
l-arloġġ jaqleb
minuta waħda wara l-oħra.
U daqqet is-sitta,
u dlonk tfaċċa l-Father
b'qanpiena f'idejh.
Ċempilha,
għal darba darbtejn.
Kien sar il-ħin
biex il-logħob jieqaf,

u lkoll jerħulha
lejn il-kappella ċkejkna
biex hemm isir it-talb.

Heda l-għajjat,
u l-ballun inġabar,
u kważi kważi kont tgħid:
"Kemm jobdu,
x'irġiel!!!"
Iżda dlonk tieqaf
għax filli l-ground
miżgħud b'mijiet ta' tfal imqarba,
u filli tbattal inkiss inkiss,
u kulma baqa' erbat itfal
ċkejknin,
li għadhom ma drawx jagħmlu bħall-kbar,
jiżgiċċaw u jaħarbu.
Għax daqskemm ikollhom ġenn biex jilgħabu,
daqshekk ieħor,
taqbadhom ferneżija
biex jiffrankaw it-talb.

Daqqet it-tmienja,
u tfajla fuq ruħha,
li mill-bixra tagħha
ma kontx tħallas sold fuqha,
bla ebda misthija,
qamet minn postha,
u b'leħen sod li jinstema',
tenniet il-kelmiet:
"L-Anġlu ħabbar lil Marija",
u waqt li xi oħrajn,
kemm kemm jinstemgħu tennew:
"U hija saret Omm mill-Ispirtu s-Santu",
oħrajn fl-istess uffiċċju
tbissmu,
u għamżu lil xulxin,
u dlonk messew wieħed lill-ieħor,
u ċarrtu ħalqhom,
filwaqt li żżuffjettaw bejniethom
u baqgħu biex ma talbu xejn.

U dħalt fil-Knisja
u ħsibt li kien hemm mijiet
bl-istorbju li kien jinstema',
u wara li għajnejja draw id-dalma
għoddejt ħamsa min-nies,
ilkoll nisa,
ilkoll pika bejniethom
min minnhom igħajjat l-iżjed
bħal dak li qallu
l-Mulej ma jisma' xejn.
Għaddew iżiġġu minn stazzjon għall-ieħor
u f'inqas minn sitt minuti
ikkundannawh,
waqqgħuh
sallbuh
qatluh u difnuh
fil-Via Sagra mgħaġġla tagħhom
u serrħu moħħhom
li dmirhom għamluh.



U smajt lill-oħra titlob,
u tfajjar l-ultimatum.
Jew jismagħha,
jew iżjed ma tgħid xejn.
U filwaqt li talbet 'l Alla
u qaltlu bi kliem ċar:
"Ikun dak li trid int",
ippretendiet
li Alla jagħmel biss
dak li trid hi,
u talbet u reġgħet talbet
u qabel ma ħarġet mill-knisja
fakkritu f'dak li qaltlu:
"Jew tisma' talbi,
jew inkella daqshekk".

U, kos, jien qed nitkaża,
u ngerger u ngħid,
fuq dak u dik,
u mank biss indenjajt
nitolbok:
użajt ilsieni biss
biex bih tkażajt
u bih gergirt u
iżjed xejn....

U wieġbet Marija,
l-Omm tiegħi u tama tiegħi:
u qaltli:
"L-istampa li pinġejtli
hi kerha,
iżda nistqarr ukoll
li għandha mill-veru.
Il-bniedem nesa lil Alla
u qed jipprova jgħix għalih;
Il-bniedem fil-ħtieġa tiegħu,
l-ewwel jipprova jasal bil-ħila tiegħu,
u meta jara li ma għamel xejn,
ifittex lil ħaddieħor,
lil sħabu,
li fil-fehma tiegħu,
jistgħu u għandhom igħinuh.
U jippretendi mirakli,
mingħand min mirakli
ma jafx jagħmel.
Imbagħad idur fuq Ibni,
u jġennu,
u jgħidlu,
u jfakkru
biex talbu jismagħlu
u jagħtih dak li jrid.

Iżda,
jekk kerha l-istampa
tad-dinja bla talb,
hemm irqajja mill-isbaħ,
li fihom
kuljum,
kull ħin
jintagħġen it-talb
u jitla' quddiem Alla
u jpatti għal tant nuqqas
ta' nies oħrajn.



Huma l-kunventi,
għolja u mwennsa,
magħluqa u msakkra
mill-ħsejjes tad-dinja.
Il-monasteri tal-klawsura,
fejn bnedmin oħra,
tad-demm u l-laħam
jinsġu talbiet
ta' imħabba li jsaħħru l-qalb.

Huma s-sodod tal-morda u anzjani
li fis-skiet,
bejn weġgħa u oħra,
jitolbu lil Alla
għal ħuthom
l-oħrajn
u joffru tbatijiethom
biex is-saltna ta' Kristu
tidħol kullimkien.

Huma l-kappelli
ċkejkna u mkissra
ta' l-artijiet tal-missjoni,
li minnhom jinstema' ħiereġ
it-talb u l-kant
ta' nies sempliċi
li għall-ewwel darba daqu
il-ferħ u s-seħer
tar-reliġjon ta' Kristu.

Huma l-iskejjel tat-tfal ċkejknin
li bl-innoċenza karatteristika tagħhom
jitkellmu ma' Ibni Ġesù
fuq kollox,
u jisimgħuh ikellimhom,
u jgħixu fil-paċi
u fis-sliem.

U hemm ukoll
dawk il-familji,
li minkejja kollox,
f'kull lejla
jinġabru flimkien
u lili jsellmuli
u lili jinsġuli
kuruna ta' talb
ir-Ružarju,
u b'talbhom ipattu
għal min bit-talb ma jridx jaf.

Għalhekk,
egħżieġ tiegħi,
taqtgħux qalbkom,
itolbu intom,
itolbu sew,
u b'egħmilkom
ħajru oħrajn
jagħmlu bħalkom.
U b'talbkom
ittejbu lid-dinja
u ttaffu l-korla
ta' Alla Setgħan."





# SANTWARJI MARJANI F'GĦAWDEX

*Kitba ta' MONS. CARMELO SCICLUNA, Arċipriet tal-Katidral*

## (6) IL-KNISJA TAL-MADONNA TAL-GRAZZJA

Il-Patrijiet Kappuċċini waslu f'Għawdex fis-sena 1736. L-Għawdxin laqgħu lil dawn l-ulied ta' San Franġisk bil-qalb kollha. Tant hu hekk illi malli l-ewwel patrijiet rifsu fuq artna, lilhom intwerew tliet inħawi: il-knisja tal-Grazzja, il-knisja ta' S. Dminka, u l-ħâra ta' Kerċem, sabiex jagħżlu wieħed minnhom u hemm jibnu Kunvent. Huma għażlu l-knisja tal-Grazzja billi din kienet popolari ħafna fost l-Għawdxin.

Mhux minn dejjem din il-knisja kienet tissejjaħ tal-Madonna tal-Grazzja għax żminijiet ilu, it-titular ta' dan is-Santwarju kien it-Twelid tal-Madonna. Mela kif dan is-Santwarju beda jissejjaħ tal-Madonna tal-Grazzja mal-mixja tas-snin?

Kien il-11 ta' Jannar, 1693, meta f'Għawdex inħasset theżżiża kbira ta' terremot għall-ħabta tas-sagħtejn ta' wara nofs inhar li kkaġunat ħsara kemm fil-bini privat kif ukoll fil-knejjes. Għal dan il-flaġell, missirijietna, bħalma għamlu dejjem fi ġrajjiet bħal dawn, inxteħtu f'riġlejn il-Madonna meqjuma fis-Santwarju ta' Fomm il-Ġir — is-Santwarju li minnu qegħdin nitkellmu — u lilha talbu sabiex, flimkien mal-Protettriċi l-oħra tagħhom S. Ursola, tidħol għalihom quddiem Alla biex jeħlishom minn dak il-kastig. U talli għat-talb tal-Madonna Alla l-Imbierek ta lil missirijietna din il-grazzja, il-Kapitlu tal-Kolleġġjata, il-Kleru, Senat u poplu għamlu wegħda li ġiet imwettqa fl-Atti tan-Nutar Dorbies nhar il-15 ta' Lulju 1693.



**Is-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja**

Din il-wegħda tikkonsisti f'purċissjoni li titlaq mill-Knisja Matriċi, illum il-Katidral, għas-Santwarju ta' Fomm il-Ġir. U f'din il-purċissjoni kellu jieħu sehem il-Kapitlu, il-Kleru regulari u sekulari u l-fratellanzi kollha u fiha wkoll tinġarr ir-relikwa ta' S. Ursola.

Din il-purċissjoni kienet issir fit-Tieni Ħadd ta' Jannar billi dan hu l-eqreb Ħadd lejn id-data li fiha kienet inħasset dik it-theżżiża. U billi kienet il-qawwa tal-Madonna li ħelset lil missirijietna minn dak it-terremot bil-jedd kollu huma baqgħu jsejħu dan is-Santwarju bħala s-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja.

Minn dak inhar 'l hawn il-kwadru tat-Twelid tal-Madonna nbidel f'dak tal-Madonna tal-Grazzja għax kienet din il-ġrajja li ġegħlet lill-Kapitlu u lill-Kleru jordnaw lill-magħruf pittur Malti Stiefnu



**Il-kwadru nkurunat tal-Madonna tal-Grazzja**

Erardi jpinġi l-kwadru li jinsab illum fuq l-artal maġġur ta' dan it-tempju Marjan. Fin-naħa ta' fuq ta' dan il-kwadru nsibu l-Madonna bil-Bambin Ġesù f'idejha qed titolbu biex ibierek lil Għawdex filwaqt li fin-naħa t'isfel tal-kwadru tinsab dieħla fis-santwarju msemmi l-purċissjoni votiva.

L-ewwel ġebla tal-Kunvent u tal-knisja l-ġdida ġiet imqegħda fis-17 ta' Lulju 1737. Dan il-bini sar fuq il-pjanta ta' l-arkitett Fra Ġużepp mill-Isla u ġie mitmum fis-26 ta' Ġunju 1750. Barra l-artal maġġur, f'din il-knisja nsibu ħames artali oħra. Dan it-tempju hu kbir u wiesa' biżżejjed biex jilqa' fih in-nies ta' dawk l-inħawi. Iżda din il-knisja ma fihiex xejxi żejda billi trid tixhed il-faqar Franġiskan. F'dan is-santwarju nsibu statwa simpatika u ħelwa tal-Madonna tal-Grazzja maħduma mill-istatwarju u artist Għawdxi, Wistin Camilleri P.E.P. fl-1934. Din il-knisja ġiet ikkonsagrata fil-5 t'Ottubru 1755 mill-Isqof Fra Pawl Alpheran de Bussan.

Id-devozzjoni ta' l-Għawdxin lejn il-Madonna tal-Grazzja minn dejjem kienet mixgħula bin-nar ta' ħeġġa u ta' ħrara. Iżda din l-imħabba laħqet il-quċċata tagħha meta fis-27 ta' Jannar 1952 dan il-kwadru titulari tal-Madonna tal-Grazzja ġie nkurunat mill-Isqof t'Għawdex, Mons. Ġużeppi Pace D.D., J.C.D., Ph.D., G.C.O.J., Prel. Dom. fost il-ferħ u ċ-ċapċip tal-poplu Għawdxi.

## ĦARBA FL-EĠITTU U QTIL TA' L-INNOĊENTI

Kif il-Maġi t-triq qabdu lejn arthom,
Ġużepp kellu minn anġlu twissija;
bil-ħsieb kiefer t'Erodi kien mgħarraf,
u li hu kellu jsalva t-Tarbija.

Bil-lejl qajjem lit-Tifel u 'l Ommu;
u biex ħajtu fis-sod tkun u żgura,
lejn l-Eġittu fis ħarbu u hemm baqgħu
sa ma ġew imnebbħin jerġgħu lura.

Sadattant kien ta l-amar Erodi
sabiex joqtlu s-subien taħt sentejn;
Rakel tibki 'l uliedha, u tnewwaħ,
tixher sħiħ, u ma trid faraġ xejn.

L-anġlu deher għal darb'oħra 'l Ġużeppi
biex bil-mewt ta' Erodi jurih,
u jistiednu flimkien ma' Marija
u mat-Tifel, 'l-Eġittu jħallih.

Henjin dawk li mħabbithom għal Kristu
stqarrew b'mewthom li ħadu bis-sliem;
bħalhom nagħmlu: bis-sewwa tal-fatti
nixhdu l-fidi, u le biss bil-kliem.

SR. M. ĠUSTINA BONELLO, O.S.B.



# TAMA u FARAĠ

*Messaġġ lill-Morda u l-Anzjani*

# QUDDIEM IL-KALENDARJU ĠDID

Mietet is-sena u twieldet oħra. Darba wieħed staqsa kemm-il sena mietet fl-istorja taż-żmien. It-tweġiba kienet waħda ħafifa. Daqskemm twieldu daqshekk ieħor mietu, barra dik li qegħdin fiha. Imma dik sakemm ma jintemmx iż-żmien tintemm hi. Mhux l-arloġġ li jmexxi ż-żmien. Ix-xogħol ta' l-arloġġ hu li bit-tektika meqjusa tiegħu jkejjel il-ġirja taż-żmien.

L-imgħoddi nafuh, il-ġejjieni hu mistur għalina lkoll. Iżda dan ma jfissirx li wieħed ma jistax jew ma għandux ifassal ħajtu għall-ġejjieni. Meta wieħed ifassal tajjeb ukoll li dak li jfassal ifasslu bit-tama li l-affarijiet ser ikunu aħjar.

Tlieta min nies ġewwa s-sala ta' l-isptar kienu għall-kura għax kisru saqajhom. Kemm damu hemm, wieħed minnhom kien dejjem sejjer igerger u jisħet xortih għax kif kien igħid hu li x-xorti l-ħażina dejjem fuq biebu tħabbat. L-ieħor kien igħaddi ħinu jaħseb u jgħid xi trid tagħmel, dawn l-affarijiet jiġru lil kulħadd. Din id-darba mess lili. It-tielet wieħed kien igħid: Dalwaqt igħaddili kollox u nerġa' nibda nimxi kif kont qabel.

Li tkorri, b'inċident, b'marda jew bix-xjuħija hi ħaġa li tmiss lil kulħadd, illum jew għada, kif kien igħid it-tieni pazjent ta' l-istorja tagħna. Jien naħseb li b'xi mod kulħadd xortih ħażina kif kien igħid l-ewwel pazjent ta' l-istorja tagħna. Imma l-mod kif wieħed iħares lejn dak li jġarrab fil-ħajja mhux kulħadd iħares lejh l-istess.

Quddiem il-Kalendarju ġdid wieħed jara stampa ġdida bħal ma tkun is-sena. In-numri li jimmarkaw il-jiem tax-xhur kollha jkunu għadhom ġodda u bla ebda marki jew noti. Dawn huma jiem li għadhom ma ġewx. Għadu misluf lilna. Jekk u kemm ser imissna u kif, ħadd ma jaf. Ħaġa waħda hi żgura. Kull jum ikun imħallat bil-ħelu u bil-morr. Minħabba li l-morr ma jħobbu ħadd, allura narawh tqil u kbir biex nixorbuh. Jibqa wkoll fatt li hemm min li t-tazza tal-morr li jeħtieġlu jixrob hi aktar wiesa' u fonda minn ta' ħaddieħor. Kemm wieħed jiflaħ iġorr igħodd ħafna minn kemm u kif wieħed iġib ruħu quddiem il-qagħda mwiegħra fil-ħajja.

DUN ĠUŻEPP CINI.

# Il-Madonna kienet tgħidu r-Ružarju?

*Minn* **PATRI WILLIAM AXIAQ, Kappuċċin**

L-iżjed ħarsa mgħaġġla lejn l-istorja tar-Ruzarju, kif nafuh illum, turi li din it-talba marjana taf il-bidu tagħha mill-aħħar taż-Żminijiet tan-Nofs. Jekk se nitkellmu kif ghandu jkun, ikollna ngħidu li kien fra Alan de la Roche, O.P. (1428-1478) li ta bidu ghal din it-talba marjana litanika u misterjali, u mhux ripetittiva biss. Maż-żmien, saret daqshekk popolari li bdiet tifforma parti minn dik li tissejjaħ devozzjoni popolari, kemm fuq livell individwali kif ukoll komunitarju.

M'hemmx ghalfejn ngħid, allura, li l-Madonna ma kenitx tgħid ir-Ruzarju kif nafuh aħna. Madankollu, nibqgħu ċerti li Marija kellha r-Ruzarju tagħha hija wkoll, kif sejrin naraw. Hija kienet tgħidu aħjar milli ngħiduh aħna. Anzi, lanqas biss kienet tgħidu. Iżjed kienet tgħajtu u tghannih b'ħajjitha stess milli b'xofftejha.

## IT-TALBA LITANIKA TAGĦHA

Jekk naghrblu sewwa l-affarijiet, ma rridu xejn biex nindunaw f'taptipa ta' għajn li Marija kellha talba partikolari ħafna. Din tixbaħ, b'xi mod, ir-Ruzarju li ngħidu aħna, għaliex hija wkoll ripetittiva u marbuta intimament mal-misteri tal-ħajja ta' Kristu u taghha. Il-Madonna tidher li kienet tħobb tgħidha wisq din it-talba. Mhux biss. Jidher ukoll li kienet tghid lilha biss. Barra minn hekk, kienet tgħidha mhux biss kuljum — bhal aħna mdorrijin nghidu r-Ruzarju f'hin parikulari matul il-ġurnata, jew f'ċerti ċirkostanzi — imma kull waqt, bla waqfien, kull hin, f'kull sitwazzjoni. It-taħbit ta' qalbha kien l-eku bla ma jaqta' ta' din it-talba.

Hija talba li fil-hajja ta' Marija kienet saret ritornell kontinwu, hajjitha stess. Kienet saret biex nghid hekk, il-brevjar taghha. Talba li biha kienet tqaddes il-jiem kollha ta' hajjitha. Ġakulatorja li tiġbor ġrajjiet hajjitha f'relazzjoni mar-rieda ta' Alla fil-Pjan tas-Salvazzjoni. Talba li tikkondensa f'erba' kelmiet il-qawwa tal-fidi fil-hajja ta' Marija.

Fit-Testment il-Ġdid, hemm espressjoni li tgħid: "Il-ġust igħix bil-fidi" (Gal 3:11; Lhud 10:38; Rm 1:17; 3:20; Hab. 2:4). It-talba ripetittiva ta' Marija turi kemm ghexet fl-oghla grad, b'mod dejjem iżjed intensiv, din il-ħajja ta' fidi.

It-talba, diġà ndunajna, hi: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skond kelmtek!" (Lq 1:38). Hija talba li, iżjed ma' Marija kienet tghaddi 'l quddiem fiż-żmien, iżjed kienet tikseb intensità. Kienet talba mhux tant maħsuba u vvintata daqskemm spontanja, naturali, ħielsa.

Forsi, nistgħu naħsbu li Marija lissnet din it-talba darba biss f'ħajjitha, f'ċirkostanza partikulari, jiġifieri meta l-anġlu Gabrijel ħabbrilha li kellha tkun Omm Ġesù. Però, jekk norbtu din it-talba ma' dik l-okkażjoni waħdanija, inkunu qegħdin niżbaljaw bl-ikrah u nfaqqru bil-kif il-ħajja ta' Marija. L-istess ħaġa nkunu qegħdin naghmlu jekk bir-rakkont tal-Lunzjata nahsbu li San Luqa kellu quddiem ghajnejh ġrajja waħda biss mill-ħajja spiritwali tal-Madonna u mhux ħajjitha kollha kemm hi.

## L-ISKJAVA TAL-MULEJ

Dik it-talba ripetittiva tikxef id-dispożizzjoni tal-qalb, l-atteġġjament fundamentali, fil-hajja ta' Marija: is-sottomissjoni taghha ghar-rieda ta' Alla kullimkien, f'kollox. Billi Marija kienet dejjem fuq taghha biex taghmel il-volontà tal-Mulej, allura, dik it-talba turi kemm kienet f'armonija perfetta mal-Kelma tal-Mulej. Dana ġara ghaliex tharrġet fis-smigh tal-fidi (Gal 3:2). B'hekk sfat, kif ighid il-Papa Pawlu VI fil-"Marialis Cultus", "il-verġni dejjem imhejjija li tilqa' l-kelma ta' Alla bil-fidi li kienet ghaliha l-bidu u t-triq li twassal biex issir Omm Alla" (n. 17). Hajjitha kienet ikkonsagrata lilha. Lil Alla qaltlu, anzi

# WERREJ ĠENERALI

## *tar-Rivista* "MADONNA TA' PINU"

Volum II, Sena V - VIII

Jannar - Marzu 1984 (nru. 17) — Novembru - Diċembru 1987 (nru. 37) pp. 1 - 576

Awturi b'ordni alfabetiku

Kitbiet b'ordni kronoloġiku

*Miġbur minn* **Ġwann Azzopardi S.J.**


AZZOPARDI Ġwann, "Ir-Rużarju: It-Talba lill-Madonna",
Settembru - Ottubru 1987 (36), pp. 537-8.

BAGGIO, Sebastiano, "Diskors tal-Em. Tiegħu l-Kard. fi Tmiem il-Festi Ċinkwantinarji",
Novembru - Diċembru 1985 (26), pp. 256-8.

BARBARA, Agatha, "Il-President. Diskors",
Lulju - Ottubru 1986 (30), p. 372.

BELLUARDO, Mary, "Living in the Lord",
Marzu - April 1986 (28), pp. 313-15.

BENNETT, Rose, "A Time to Receive",
Novembru - Diċembru 1986 (31), pp. 400-1.

BEZZINA, Joe, "L-Inkurunazzjoni tal-Madonna Ta' Pinu fl-Istampa ta' 50 sena llu",
Novembru - Diċembru 1985 (26), pp. 260-3;
"Diskors",
Lulju - Ottubru 1986 (31), pp. 373-6;
"Karmni Grima Museum — A Guide",
Mejju - Ġunju 1987 (34), pp. 475-82;
"Minn Ta' Pinu għal Kevelaer",
Novembru - Diċembru 1987 (37), pp. 559-66, 572.

BEZZINA, Louis, "Marija",
April - Ġunju 1984 (18), pp. 39-41.

BONNICI, Alexander, "Marija Tbati Għalina Flimkien ma' Binha Ġesù",
Marzu - April 1985 (22), pp. 157-62.

BORG, Franġisk, "Għeluq il-50 sena mill-Kanonizzazzjoni ta' Don Bosco. Il-Madonna Għajnuna ta' l-Insara fil-Ħajja ta' S. Ġwann Bosco",
April - Ġunju 1984 (18), pp. 53-6;
Lulju - Settembru 1984 (19), pp. 66-9.
"F'Għeluq is-750 sena mill-Kanonizzazzjoni ta' S. Duminku (1234 - 1984). S. Duminku ta' Guzman u d-Devozzjoni lejn ir-Rużarju tal-Madonna",
Ottubru - Diċembru 1984 (20), pp. 103-6, 108.
"Qaddis Ġdid Franġiskan". S. Franisk Anton Fasani, OFMConv. Devot kbir ta' l-Immakulata",
Marzu - April 1986 (28), pp. 316-18.
"Il-Patri Ġlormu minn Forlì, l-Italja",
Novembru - Diċembru 1986 (31), pp. 394-7;
Jannar - Frar 1987 (32), pp. 427-9.
"Għeluq il-200 sena mill-Mewt ta' l-Isqof u Duttur tal-Knisja S. Alfonz Marija de Liguori Fundatur tar-Redentoristi",
Lulju - Awissu 1987 (35), pp. 506-9.

BORG, Joseph, "Il-Madonna Ta' Pinu u l-Post tal-Bażilika Santwarju tagħha",
Lulju - Settembru 1984 (19), pp. 80-7.

BORG, Karm, "Id-Devozzjoni lejn il-Madonna Ta' Pinu...u Perjodiċi Ppubblikati fid-Djoċesi ta' Għawdex",
Mejju - Ġunju 1985 (23), pp. 191-2.
"S. Girgor il-Kbir u l-Madonna",
Marzu - April 1986 (28), pp. 319-20, 323.

BROWN, Hugh, "Mary, the Believer",
Jannar - Frar 1985 (21), pp. 130-1.
BUECHEL, William, W., "Christmas every Day",
Ottubru - Diċembru 1984 (20), pp. 107-8.
CALLEJA, Marija, "Il-Madonna tas-Sokkors Perpetwu",
Mejju - Ġunju 1985 (23), pp. 188-90.
CAMILLERI, Bonaventura M., "Sbuħija u Qdusija ta' l-Assunta",
Lulju - Settembru 1984 (19), pp. 72-3.
"It-Twelid Etern ta' Marija Verġni",
Settembru - Ottubru 1985 (25), pp. 236-9.
"Il-Mara tat-Tnax il-Kewkba",
Mejju - Ġunju 1986 (29), pp. 337-8.
"Il-Mara tat-Tnax il-Kewkba":
(1) L-Immakulata",
Novembru - Diċembru 1986 (31), pp. 406-8;
"(2) Marija, Omm Alla",
Jannar - Frar 1987 (32), pp. 424-6;
"Marija Ommna",
Settembru - Ottubru 1987 (36), pp. 526-8.
CAMILLERI, Ġużepp, "Id-Devoti tal-Madonna Jilqgħu l-Istedina tagħha",
April - Ġunju 1984 (18), p. 57.
"Taħt il-Ħarsien ta' Marija",
Lulju - Settembru 1984 (19), pp. 90-1.
"It-Tħabbira ta' l-Anġlu lil Marija",
Marzu - April 1985 (22), pp. 164-7.
CAMILLERI, Joseph, "Is-Santwarji fil-Kodiċi l-Ġdid tad-Dritt Kanoniku",
Novembru - Diċembru 1986 (31), pp. 402-4.
CAMILLERI, Salv, "Festi Marjani fil-Kalendarju Liturġiku matul iż-Żminijiet",
Ottubru - Diċembru 1984 (20), pp. 101-2.
CAUCHI, Franġisk, "X'Naf fuq Karmni Grima: Intervista ma' ",
April - Ġunju 1984 (18), pp. 48-50.
CAUCHI, Giuseppe, "Rakkont Marjan",
Lulju - Awissu 1985 (24), pp. 216-17.
CAUCHI, Ġużepp, "Fra Jacapone minn Todi u l-Innu 'Stabat Mater' ",
Mejju - Ġunju 1986 (29), pp. 347-8.
CAUCHI, Nikol Ġ., Isqof, "Is-Santwarju Ta' Pinu u d-Devozzjonijiet Marbutin miegħu: Mons. Lawrenz Portelli";
Jannar - Marzu 1984 (17), pp. 2-6;
"Il-Pellegrinaġġi għas-Santwarju Ta' Pinu",
April - Ġunju 1984 (18), pp. 34-8, 39.
"Innoloġija Marjana:
(1) L-Innu fil-Liturġija u barra mil-Liturġija",
Ottubru - Diċembru 1984 (20), pp. 98-100;
"(2) Sant'Efrem mis-Sirja",
Marzu - April 1985 (22), pp. 154-6;
"(3) Tliet Għannejja mis-Sirja",
Mejju - Ġunju 1985 (23), pp. 178-9, 187;
"(4) Il-Bidu u l-Iżvilupp tal-Innoloġija Biżantina",
Lulju - Awissu 1985 (24), pp. 202-4;
"(5) Sant'Andrija, Arċisqof ta' Kreta",
Settembru - Ottubru 1985 (25), pp. 226-7;
"(6) S. Ġwann Damaxxenu",
Novembru - Diċembru 1985 (26), pp. 266-7, 274;
"(7) L-Innu Akathistos",
Jannar - Frar 1986 (27), pp. 282-3, 290;
"(8) L-Ewwel Tentattivi ta' Innoloġija Latina",

Marzu - April 1986 (28), pp. 306-8;
"(9) Poeti Latini tar-Raba' u l-Hames Seklu",
Mejju - Ġunju 1986 (29), pp. 330-2;
"(10) Poeti tal-Medju Evu Bikri",
Lulju - Ottubru 1986 (30), pp. 354-6;
"(11) Innoloġiji Benedittini",
Novembru - Diċembru 1986 (31), pp. 390-1;
"(12) Hruġ l-Ewwel u Dħul it-Tieni Millenju",
Jannar - Frar 1987 (32), pp. 414-16;
"(13) S. Franġisk t'Assisi",
Marzu - April 1987 (33), pp. 438-9;
"(14) Ir-Rebbiegħa tal-Poeżija Taljana",
Mejju - Ġunju 1987 (34), pp. 466-8;
"(15) Iż-Żernieq tal-Letteratura Romanza",
Lulju - Awissu 1987 (35), pp. 494-7;
"(16) Il-Madonna fil-Poeżija Ġermaniża",
Settembru - Ottubru 1987 (36), pp. 522-5;
"(17) Il-Madonna fil-Poeżija Ngliża",
Novembru - Diċembru 1987 (37), pp. 550-3.
"L-Istituti Sekulari fid-Dokumenti tal-Maġisteru tal-Knisja",
Mejju - Ġunju 1985 (23), pp. 180-3.
"Ċirkolari għall-Okkażjoni tal-Festi".
Novembru - Diċembru 1985 (26), p. 253.
"Diskors ta' l-E.T. Mons. fit-Trasmissjoni tal-Funzjoni tas-Supplika f'Jum id-Dehra tal-Madonna ta' Pinu (22 - 6 - 1987)",
Lulju - Awissu 1987 (35), pp. 512, 518.
CINI, Ġużepp, "Il-Mona Lisa ta' Twemmina",
Marzu - April 1987 (33), pp. 450-2.
"Tama u Faraġ. Messaġġ lill-Morda u l-Anzjani",
Mejju - Ġunju 1987 (34), pp. 486-7;
"Marija: Raġġ ta' Tama",
Lulju - Awissu 1987 (35), pp. 498;
"Marija: Imħabba li bħalha ma Dehritx",
Settembru - Ottubru 1987 (36), p. 539;
Novembru - Diċembru 1987 (37), p. 557.
CREMONA, Ġwann B., "Is-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu f'Aylesford",
Lulju - Settembru 1984 (19), pp. 74-5.
CURMI, Albert, "Il-Harsien tal-Madonna fis-Seklu XIX",
Jannar - Marzu 1984 (17), pp. 16-19.
"Appostlu Marjan ta' Żmienna, il-B. Bartolo Longo u Pompej il-Ġdida",
Ottubru - Diċembru 1984 (20), pp. 112-17.
"Il-Mara Mlibbsa bix-Xemx u l-Qamar taħt Riġlejha",
Jannar - Frar 1986 (27), pp. 292-7.
"It-Taghlim ta' S. Ċirillu, Isqof ta' Ġerusalemm, fuq il-Madonna",
Jannar - Frar 1987 (32), pp. 419-21, 426.
DE STAERCKE, A.,
BONELLO, M. Ġustina (trad.), "Inqimu lil Marija",
Settembru - Ottubru 1987 (36), pp. 534-6, 542.
DEVOT TA' MARIJA, "Ir-Raba' Ċentinarju mill-Mewt ta' S. Karlu Borromeo. Kolonna tar-Riforma Kattolika taht il-Harsien tal-Madonna",
Ottubru - Diċembru 1984 (20), pp. 109-11.
DWAN, Peter,
BORG, Karm, (trad.), "Il-Qalb Immakulata ta' Marija",
Mejju - Ġunju 1986 (29), pp. 340-2.
FARRUGIA, Anton, "Tfai, Thobbuha lill-Madonna?", ecc.
Mejju - Gunju 1987 (34), pp. 484-5;

Lulju - Awisssu 1987 (35), pp. 514-15;
Settembru - Ottubru 1987 (36), pp. 541-2;
Novembru - Diċembru 1987 (37), pp. 556.

FLYNN, Vincent J., "Mother of Us all",
Lulju - Awissu 1985 (24), p. 211.

FORMOSA, Josephine, "Il-Marjoloġista S. Lwiġi Marija de Montfort, Fundatur ta' Skola Ġdida ta' Spiritwalità",
Jannar - Frar 1986 (27), pp. 284-6.

GALEA, Mikiel, "L-Eżempju tal-Mara li Tgħallmet u Għallmet il-Katekiżmu",
Marzu - April 1987 (33), pp. 440-2, 443

GAUCI, Louis, "Ta' Pinu Sanctuary through the Centuries",
April - Ġunju 1984 (18), pp. 42-7, 50-1.

GRAY, Brendan, "Mary of many Images",
Jannar - Frar 1985 (21), pp. 140-2.

GRECH CREMONA, Ġużepp, "Santwarji Marjani fl-Ewropa",
April - Ġunju 1984 (18), pp. 58-9;
Lulju - Settembru 1984 (19), pp. 88-9.
"Il-Madonna u l-Ordnijiet Reliġjużi",
Jannar - Frar 1985 (21), pp. 133-4, 138;
Marzu - April 1985 (22), pp. 172-3.

GRIMA, Salv, "Inħossuna qrib Marija — 1: Marija Omm",
Settembru - Ottubru 1987 (36), p. 543.

ĠWANNI PAWLU II, "Messaġġ lill-Kard. Sebastiano Baggio",
Novembru - Diċembru 1985 (26), p. 254, 255.

J.C. Novelli: "Mitt Sena Wara",
Jannar - Marzu 1984 (17), pp. 20-2;
"Dawl Inemnem",
Lulju - Settembru 1984 (19), pp. 76-9.
"Ward minn Ta' Pinu",
Jannar - Frar 1985 (21), pp. 135-8.
"Fil-Wied tal-Qasab",
Jannar - Frar 1986 (27), pp. 298-300.
"Fewġa Riħ",
Lulju - Ottubru 1986 (30), pp. 377-82.

JOHN PAUL I, "My Rosary",
Settembru - Ottubru 1985 (25), pp. 235, 243.

KNAPP, Anne D., "The Divine Plan",
Settembru - Ottubru 1985 (25), pp. 228-30.

LEONARD, John, "A New Look at the Rosary",
Lulju - Ottubru 1986 (30), pp. 382-3.

McMILLAN, James, "Church Unity and Our Lady",
Jannar - Frar 1987 (32), pp. 417-18.

McNAMARA, Kevin, "The Teaching of Pope John Paul II. Mary, the Mother of God",
Jannar - Frar 1987 (32), pp. 430-1;
Marzu - April 1987 (33), pp. 453-7, 464.

MEJLAK, Joe, "Ma' Marija fiż-Żgħożija",
Marzu - April 1987 (33), pp. 448-9;
Mejju - Ġunju 1987 (34), p. 483;
"Is-Sena Marjana",
Settembru - Ottubru 1987 (36), pp. 529, 538;
"L-Akbar Rebħa!"
Novembru - Diċembru 1987 (37), p. 558.

M.F.B., "Il-Ħelsien ta' Vienna 300 Sena llu: 12-9-1683. Malta Tifraħ għal dan il-Ħelsien",
Jannar - Marzu 1984 (17), pp. 22-4, 32.

O'HERON, Edward J., " 'The Poor' — Us and Them' ",
Mejju - Ġunju 1986 (29), pp. 343-4.

PIJU XI, "Biex Tibqa' Mfakkra għal dejjem din il-Grajja",
Novembru - Diċembru 1985 (26), p. 252.

REFALO RAPA, Julian, "Wegħda li ma Titwemminx",
Jannar - Marzu 1984 (17), pp. 12-13.

RODRIGUEZ, Robert D., "Mary, the Muslims, and Fatima",
Lulju - Awissu 1985 (24), pp. 218-20.

SCIBERRAS, Lawrenz, "2000 Sena Ilu Twieldet Marija",
Lulju - Settembru 1984 (19), pp. 70-1, 79.

SCICLUNA, Carmelo, "L-Assunta, l-Ewwel Frott Sħiħ tal-Fidwa u l-Ewwel Suċċess tal-Misteru Paskwali",
Lulju - Awissu 1985 (24), pp. 212-15.

"L-Awtentiċità tad-Devozzjoni lejn il-Madonna fid-Dawl tat-Tagħlim tal-Papa Ġwanni Pawlu II",
Jannar - Frar 1986 (27), pp. 288-90.

"Santwarji Marjani f'Għawdex:
(1) Il-Katidral",
Lulju - Ottubru 1986 (30), pp. 359-61;
"(2) Il-Knisja ta' Savina",
Novembru - Diċembru 1986 (31), pp. 392-3;
"(3) Il-Knisja tal-Lunzjata",
Marzu - April 1987 (33), pp. 443-4;
"(4) Il-Knisja tal-Madonna ta' Manresa",
Lulju -Awissu 1987 (35), pp. 503-4;
"(5) Il-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu (Ta' Ħamet)",
Novembru - Diċembru 1987 (37), pp. 554-5.

SOUBIROUS, Mary Bernardette, "The Apparitions at Lourdes",
Jannar - Frar 1986 (27), p. 287.

SPITERI, Donat, "Marija Omm il-Knisja",
Mejju - Ġunju 1987 (34), pp. 469-71.

TONIOLO,

GRIMA, Salv, "Marija ċ-Ċentru ta' l-Unità":
(3) Il-Knisja Nestorjana",
Jannar - Marzu 1984 (17), pp. 7-11.
"(4) Il-Knejjes Monofiżiti",
Ottubru - Diċembru 1984 (20), pp. 118-22;
"(5) Il-Firda bejn il-Lvant u l-Punent",
Jannar - Frar 1985 (21), pp. 143-6, 148;
"(6) Il-Knisja Riformata: L-ewwel Żminijiet tagħha",
Settembru - Ottubru 1985 (25), pp. 231-4;
"(7) Il-Knisja Anglikana",
Marzu - April 1986 (28), pp. 309-12;
"(8) Il-Knisja Kattolika — Sagrament ta' Għaqda",
Mejju - Ġunju 1986 (29), pp. 333-6.

VARIOUS, "Hail Mary!",
Jannar - Frar 1986 (27), p. 291.

VELLA, Louis, "Ave Marija",
Novembru - Diċembru 1985 (26), pp. 273-4.

VELLA APAP, Nikol, "Id-Duluri tal-Madonna fil-Liturġija",
Settembru - Ottubru 1985 (25), pp. 240-2.

"Id-Duluri tal-Madonna fl-Arti",
Marzu - April 1986 (28), pp. 321-3.

"L-Assunzjoni tal-Madonna fil-Liturġija",
Lulju - Ottubru 1986 (30), pp. 357-8.

"L-Immakulata fil-Liturġija",
Novembru - Diċembru 1986 (31), pp. 398-9.

"L-Annunzjazzjoni tal-Madonna fil-Liturġija",

Marzu - April 1987 (33), pp. 445-6, 447.

"L-Assunzjoni tal-Madonna fl-Arti Nisranija",

Lulju - Awissu 1987 (35), pp. 510-11.

---

"Is-Seba' Qaddisin Fundaturi ta' l-Ordni tas-Servi ta' Marija",
Jannar - Frar 1985 (21), pp. 151-2.

"Il-Qaddis li Ħabb l-aktar lill-Madonna. L-Għarus tagħha S. Ġużepp",
Marzu - April 1985 (22), pp. 168-70;

"Mary in the Gospel of Suffering",
**ibidem**, p. 171;

"Programm taċ-Ċelebrazzjonijiet Kommemorattivi f'Egħluq il-50 Sena mill-Inkoronazzjoni tax-Xbieha tal-Madonna Ta' Pinu. 28 ta' April — 18 ta' Awissu, 1985",
Mejju - Ġunju 1985 (23), pp. 193-200.

"Programm ta' Egħluq il-Festi Ċinkwantinarji tal-Inkurunazzjoni tal-Madonna Ta' Pinu",
Novembru - Diċembru 1985 (26), p. 259.

"Hail Mary",
Mejju - Ġunju 1986 (29), pp. 345-6.

"Ruma u Fatima",
Lulju - Ottubru 1986 (30), pp. 362-3;

"Il-Ġrajja ta' Fatima",
**ibidem**, pp. 364-5;

"The Night the Police Came",
**ibidem**, pp. 366-9;

"Id-Devozzjoni lejn il-Passjoni ta' Ġesù fuq l-Għolja ta' Għammar",
**ibidem**, pp. 370-1.

"140 Sena mid-Dehriet tal-Madonna ta' La Salette",
Novembru - Diċembru 1986 (31), p. 405.

"Kalendarju Marjan: Jannar - Marzu",
Jannar - Frar 1987 (32), pp. 422-3;

"April",
Marzu - April 1987 (33), p. 447;

"Mejju, Ġunju",
Mejju - Ġunju 1987 (34), p. 488;

"Lulju, Awissu",
Lulju - Awissu 1987 (35), p. 513;

"Settembru, Ottubru",
Settembru - Ottubru 1987 (36), p. 540;

"Novembru, Diċembru",
Novembru - Diċembru 1987 (37), p. 572.

"Mietu Żewġ Artisti li Isimhom Jibqa' marbut mas-Santwarju Ta' Pinu: il-Kav. Ġuzeppi Briffa u l-Kav. Emvin Cremona",
Marzu - April 1987 (33), p. 459.

**POEŻIJI**

GALEA, Remigio, "Ta' Pinu Omm il-Maħfra",
Jannar - Marzu 1984 (17), p. 14.

VELLA APAP, Nikol, "Lill-Madonna ta' Pompei",
April - Ġunju 1984 (18), p. 52.

REFALO RAPA, Julian, "Lill-Għolja ta' Għammar",
Jannar - Frar 1985 (21), p. 132.

GAUCI, Paul, "Fejn Ta' Pinu bil-Lejl",
**ibidem**, p. 139.

VELLA APAP, Nikol, "Lill-Madonna u l-Knisja tagħha ta' Wied il-Lunzjata",
Marzu - April 1985 (22), p. 163.

VELLA, Louis, "Hawn Tiegħek Madonna",
Lulju - Awissu 1985 (24), pp. 205-6.

AZZOPARDI, Ġwann, "Lill-Madonna Ta' Pinu",
Novembru - Diċembru 1985 (26), p. 258.

CAUCHI, Nikol Ġ., Isqof, "Meditazzjoni Poetika dwar il-Misteri tar-Rużarju",
**ibidem**, pp. 268-72.

GAUCI, Paul, "Fl-Ave Maria",
Jannar - Frar 1986 (27), p. 301.

VELLA, Wiġi, "Mejju",
Mejju - Ġunju 1986 (29), p. 336.

MEJLAK, Joe, "Waħdi miegħek (fis-Santwarju Ta' Pinu)",
**ibidem**, p. 339.

MERCIECA, George, "S. Marija, Omm il-Knisja",
Lulju - Ottubru 1986 (30), p. 369.

SORU BENEDITTINA TA' L-IMDINA, "Marija u t-Tfulija ta' Ġesù",
Novembru - Diċembru 1986 (31), p. 397.

BONELLO, Ġustina, "Il-Verġni Mqaddsa fil-Ministeru Pubbliku ta' Ġesù",
Jannar - Frar 1987 (32), p. 418.

FABER, Frederick William, "With Mary at the Foot of the Cross",
Marzu - April 1987 (33), p. 458.

BORG, Salv, "Omm tiegħi, Tama tiegħi: Il-Familja",
Mejju - Ġunju 1987 (34), pp. 472-4;
"(2) Ix-Xogħol",
Lulju - Awissu 1987 (35), pp. 499-502;
"(3) Il-Mard",
Settembru - Ottubru 1987 (36), pp. 530-3, 548;
"(4) Id-Divertiment",
Novembru - Diċembru 1987 (37), pp. 567-71.

BONELLO, M. Ġustina, "Marija, Verġni u Omm, Mudell tal-Knisja",
Mejju - Ġunju 1987 (34), p. 474.

MARTISCHANG, Pierre, "Our Lady's Spring",
Lulju - Awissu 1987 (35), p. 497.

PERTSCH, Anna C., "Warning! — A Message to the Women of our Times",
**ibidem**, p. 516.

CAMILLERI, Beneditt, "Il-Kelma tar-Rettur",
Jannar - Marzu 1984 (17), p. 1;
April - Ġunju 1984 (18), p. 33;
Lulju - Settembru 1984 (19), p. 65;
Ottubru - Diċembru 1984 (20), p. 97;
Jannar - Frar 1985 (21), p. 129;
Marzu - April 1985 (22), p. 153;
Mejju - Ġunju 1985 (23), p. 177;
Lulju - Awissu 1985 (24), p. 201;
Settembru - Ottubru 1985 (25), p. 225;
Novembru - Diċembru 1985 (26), p. 249;
Jannar Frar 1986 (27), p. 281;
Marzu - April 1986 (28), p. 305;
Mejju - Ġunju 1986 (29), p. 329;
Lulju - Ottubru 1986 (30), p. 353;
Novembru - Diċembru 1986 (31), p. 389;
Jannar -Frar 1987 (32), p. 413;
Marzu - April 1987 (33), p. 437;
Mejju - Ġunju 1987 (34), p. 465;
Lulju - Awissu 1987 (35), p. 493;
Settembru - Ottubru 1987 (36), p. 521;

Novembru - Diċembru 1987 (37), p. 549.

BORG, Karm, "Mill-Ħajja tas-Santwarju",
Jannar - Marzu 1984 (17), pp. 22-6;
April - Ġunju 1984 (18), pp. 60-2;
Lulju - Settembru 1984 (19), pp. 93-4;
Ottubru - Diċembru 1984 (20), pp. 123-5;
Jannar - Frar 1985 (21), pp. 147-8;
Marzu - April 1985 (22), p. 174;
Mejju - Ġunju 1985 (23), pp 184, 192;
Lulju - Awissu 1985 (24), pp. 221-2;
Settembru - Ottubru 1985 (25), pp. 244-5;
Novembru - Diċembru 1985 (26), pp. 275-6;
Jannar -Frar 1986 (27), p. 302;
Marzu - April 1986 (28), pp. 324-5;
Mejju - Ġunju 1986 (29), pp. 349-50;
Lulju - Ottubru 1986 (30), pp. 384-6;
Novembru - Diċembru 1986 (31), pp. 409-10;
Jannar - Frar 1987 (32), p. 432;
Marzu - April 1987 (33), p. 460;
Mejju - Ġunju 1987 (34), p. 489;
Lulju - Awissu 1987 (35), pp. 517-18;
Settembru - Ottubru 1987 (36), pp. 544-5;
Novembru - Diċembru 1987 (37), pp. 573-4.

"Grazzi Madonna Għax Smajtni",
Jannar - Marzu 1984 (17), pp. 27-30;
April - Ġunju 1984 (18), pp. 63-4;
Lulju - Settembru 1984 (19), pp. 95-6;
Ottubru - Diċembru 1984 (20), pp. 126-7;
Jannar - Frar 1985 (21), p. 149;
Marzu - April 1985 (22), p. 175;
Mejju - Ġunju 1985 (23), pp. 185-6;
Lulju - Awissu 1985 (24), pp. 223-4;
Settembru - Ottubru 1985 (25), pp. 246-7;
Novembru - Diċembru 1985 (26), pp. 277-9;
Jannar Frar 1986 (27), pp. 303-4;
Marzu - April 1987 (28), pp. 326-7;
Mejju - Ġunju 1986 (29), pp. 351-2;
Lulju - Ottubru 1986 (30), pp. 387-8;
Novembru - Diċembru 1986 (31), pp. 411-12;
Jannar - Frar 1987 (32), pp. 433-4;
Marzu - April 1987 (33), pp. 461-3;
Mejju - Ġunju 1987 (34), pp. 490-2;
Lulju - Awissu 1987 (35), pp. 519-20;
Settembru - Ottubru 1987 (36), pp. 546-7;
Novembru - Diċembru 1987 (37), pp. 575-6.

F'kull ħarġa hemm lista ta' ċelebrazzjonijiet li jsiru fis-Santwarju Ta' Pinu, e.g. Magħmudijiet, Preżentazzjonijiet, Żwiġijiet.

weghditu, dak li, fit-talba saċerdotali, qal Ġesù: "Dak li hu tiegħi huwa tiegħek" (Ġw 17:10).

Hemm Salm li nistgħu napplikawh b'għajnejna magħluqa għal Marija. Juri dan l-atteġġjament ta' fidi fil-ħajja devota ta' Marija. Igħid "Ara, bħal għajnejn il-qaddejja lejn id sidhom; / bħal għajnejn il-qaddejja lejn id sidtha; / hekk għajnejna lejn il-Mulej, Alla tagħna" (123/122:2).

Kif ħarset is-sefturi hija attenta għal kull mossa ta' idejn is-sidien tagħhom, biex jagħmlu dak kollu li jordnawlhom, hekk kienet indirizzata l-ħarsa ta' Marija lejn ir-rieda ta' Alla. Kienet tfittex wiċċu dejjem, il-ħin kollu (Salm 105 / 104: 4;27/26: 8).

Proprjament, Marija ma qalitx: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej..." Il-kelma "qaddejja", hawnhekk, tista' tqarraq bina. Ma tirrendix sewwa t-tifsira qawwija li tiġbor fiha. Marija qalet: "Ara, jiena l-iskjava tal-Mulej..." B'hekk, laqtet iżjed il-musmar fuq rasu fejn tidħol il-ħajja ġenwina tal-fidi. Nifhmu dan x'jiġifieri jekk naqraw il-ktejjeb "Is-sigriet ta' Marija jew l-iskjavitù ta' mħabba f'idejn Marija" ta' San Alwiġi Grignon de Montfort. Il-kelma "skjava" jew "ilsira", turi ubbidjenza nkondizzjonata lejn ir-rieda ta' Alla. Turi disponibilità u doċilità għal smigħ attiv tal-kelma setgħana ta' Alla.

Issa nifhmu għalfejn il-"Lumen Gentium" issejjaħ lil Marija "Qaddejja umli tal-Mulej" (n. 61) u l-Knisja ta' wara l-Konċilju thobb issejħilha: "Omm Verġni tal-Kelma tal-Hajja".

## MHUX BIŻŻEJJED TGĦID IR-RUŻARJU

Fil-Vanġelu, Marija tidher f'atteġġjament kontinwu ta' silenzju profond. U s-silenzju mhuwiex haġa oħra għajr l-attività qawwija u għammieqa ta' l-imħabba li qiegħda tisma' b'widnejha weqfin il-maħbub.

Kienet din ir-raġuni li ġagħlet il-Madonna tagħti parir lill-qaddejja tat-tieġ ta' Kana billi tgħidilhom: "Agħmlu kull ma jgħidilkom hu" (Ġw 2:5). Mill-abbundanza tal-qalb — hux hekk ngħidu — jitkellem il-fomm. Ilsienha kien mera ta' qalbha. Il-parir tagħha ħareġ mill-profondità tal-kon-



Michelangelo: Dettal mill-Ġudizzju Universali. Ruħ li ssalva permezz tar-Rużarju

vinzjoni li biha kienet imżejna u mimlija ħajjitha.

Proprjament, dan huwa l-aħjar u l-aqwa Rużarju li qatt intqal fil-Knisja. Tant hu hekk li kemm Eliżabetta, kif ukoll Kristu faħħru lil Marija talli semgħet il-kelma ta' Alla u għamlet li qalilha hu (Lq 1:45; 8:21; 11:28; Ġw 20:28).

Il-qofol tar-Rużarju qiegħed fil-kontemplazzjoni tal-misteri u fil-għixien tagħhom. Hekk naqraw fil-"Marialis Cultus": "Inħasset ukoll bi bżonn akbar il-ħtieġa li nerġgħu nisħqu li barra mill-valur tat-tifħir u t-talb, hemm ukoll element ieħor importanti fir-Rużarju, it-talb tal-moħħ. Mingħajru, ir-Rużarju huwa ġisem bla ruħ, u waqt li jingħad ikun hemm il-periklu li jsir numru ta' formoli wara xulxin bħala magna, u jeħodha kontra t-twissija ta' Ġesù: 'Meta titolbu, tgħidux ħafna kliem bħall-pagani, li jemmnu li jinstemgħu minħabba ħafna kliem' (Mt 6:7). Fih innifsu, ir-Rużarju jitlob li jingħad bil-mod, kważi bil-lajma, biex ikun iżjed faċli li min qed jitlob jaħseb fuq il-misterji tal-ħajja tal-Mulej, kif rathom il-qalb ta' dik li kienet l-aktar qrib tal-Mulej, u b'hekk jinkixef il-għana bla qies tiegħu" (n. 47).

Jekk malli ngħiduh, ninsew li dawk il-misteri huma spirtu u ħajja, aħna nsiru nixbhu lil dak ir-raġel li minnu jitkellem San Ġakbu, fl-ittra prattika tiegħu. Dan jara, f'mera, il-wiċċ li bih twieled, jara lilu nnifsu, jitlaq, u malajr jinsa kif kien. Imma jekk il-misteri tar-Rużarju, wara li nikkontemplawhom, inżommu sħiħ magħhom, allura, ma nkunux bħal dak ir-raġel li jisma' biss u jinsa, imma nkunu nies li nagħmluhom. B'hekk inkunu hienja fl-egħlim tagħna (Ġk 1:22-25). Dan ikun l-aħjar Rużarju. Għaliex hekk ġabet ruħha Marija. Ngħid hekk għaliex hija "ħadet sehem fil-misteri ta' Kristu" (LG n. 66).

Iva, il-Madonna kienet tgħidu r-Rużarju, anzi, kienet tikkontemplah. Hawnhekk qiegħed kollox fil-prattika tiegħu. Ngħid hekk għaliex ir-Rużarju mhuwiex ħaġa oħra ħlief "il-gabra ta' l-Evanġelju kollu" u huwa "talb mill-Evanġelju" (EC nn. 42, 44). Ngħidu hekk mhux biss minħabba l-ħmistax-il misteru imma anki minħabba s-Sliema u l-Missierna.

## IR-RUŻARJU TAGĦNA

Ir-Rużarju jkun igħodd daqskemm ikun jixbah, b'xi mod, lil dak ta' Marija. Mhux biżżejjed ngħiduh formalment — kif jiġri ħafna drabi — imma spiritwalment f'għaqda sħiħa ma' Marija.

Il-mod kif kienet tgħid ir-Rużarju hi jkellimna bi kliem l-iskrizzjoni sabiħa li hemm miktuba bil-Latin fuq il-kwadru titulari (Sant'Injazju li qiegħed jikteb il-ktieb ta' l-eżerċizzi spiritwali fl-għar ta' Manresa) li jinsab fil-kappella tal-Kurja, il-Furjana. Din tgħid: Dei/ Filio docente/ Matre dictante/ audite. Bil-Malti tiġi hekk: "Isimgħu/ l-Iben ta' Alla jgħallimkom/ u 'l Ommu tgħidilkom x'inhu jgħid.

Kieku Marija ma kenitx tgħid ir-Rużarju żgur li ma kenitx tinsisti magħna biex ngħiduh, bħalma għamlet f'Lourdes u f'Fatima. San Luqa li għex qrib Marija, dwar Kristu jgħid li l-ewwel beda jagħmel u mbagħad igħallem. Marija mxiet fuq l-istess passi ta' Binha Ġesù. Għalhekk qaltilna, anzi ħaditilna moħħna, biex nitolbu r-Rużarju.

Dan huwa t-talba tagħha mgħoddija tradizzjonalment lilna minn nies li fehmuha u ħabbewha ħafna.

## IL-MATERNITÀ TAL-MADONNA

Marija titqiegħed fiċ-ċentru tal-misterju ta' l-Inkarnazzjoni: hi l-Omm ta' Dak li jkun għal kulħadd "it-Triq, il-Verità u l-Ħajja."

*(Kard. Suenens).*

Jeħtieġ li nkunu lkoll ulied Marija, is-segwaċi tagħha u d-dixxipli tagħha.

*(Pawlu VI).*

## INHOSSUNA QRIB MARIJA — 2

Marija u aħna ninsabu qrib xulxin mhux biss għax bħala Omm teżisti rabta bejnha u l-umanità mifdija, iżda wkoll għax dir-rabta, għal ħafna bnedmin, titwettaq fi ħdan il-Knisja. Marija, mhix biss l-ewwel bint ta' din il-familja, opra ta' Binha Ġesù, iżda hija wkoll dik li tnissel ulied għal Binha u għalhekk insejħulha

# OMM IL-KNISJA

1. Għalkemm kien ma' tmiem il-Konċilju Vatikan II li l-isem ta' Marija, Omm il-Knisja, ġie mgħarraf aħjar lill-insara kollha, hija xorta kellha dan il-ġieh u kienet twettaq din il-missjoni sa mill-bidu. Bħala Omm il-mifdijin kollha, Marija hija bir-raġun kollu Omm il-Knisja li bħala l-Arka tas-Salvazzjoni permezz tagħha jasal għand Alla kull min isalva.

2. San Pawl ixebbah il-Knisja ma' ġisem fejn kull membru għandu funzjoni x'iwettaq, bi Kristu bħala r-Ras. Ilkoll madwar ir-Ras, dawn il-membri jirċievu minnu l-istess ħajja tal-grazzja u bis-saħħa Tiegħu jgawdu wkoll mill-beneficċji ta' xulxin li fosthom tiġi minn ta' l-ewwel Omm Dak li huwa r-Ras, u għalhekk mill-istess Omm tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu.

3. Il-Knisja hija mxebbha wkoll ma' Saltna tas-Smewwiet li trid tagħmel mixja fuq din l-art sakemm tasal għall-milja kollha fil-glorja tal-ġenna. Mudell komplut tal-Knisja fil-mixja kollha tagħha nsibuh f'Marija li bi privileġġ speċjali ġiet imtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem. Marija teżerċita l-maternità tagħha fuq il-Knisja pellegrina mhux għal xi żmien jew xi post wieħed, iżda tkompli dil-missjoni tagħha b'mod sħiħ għax bħala Omm trid tara 'l uliedha miġbura lkoll f'tifħir lil Alla fil-glorja tas-sema.

4. Bħala Ommna fi ħdan il-Knisja, Marija tistenna minna dik l-imġieba ta' veri wlied. Ilkoll nistqarruha bħala Omm il-Knisja u għalhekk bħala nsara jixraq li ngħożżuha bħala Ommna. Dan iseħħ meta lilna tarana bħal aħwa bejnietna, xejn x'jifridna, iżda qalb waħda fl-imħabba, għax tridna f'mixja waħda magħha lejn is-sema fejn Alla huwa mħabba.

5. Il-Knisja bint Marija hija waħda, fil-fidi, fl-istess sagramenti, tmexxija, tagħlim u fit-tama tagħha. Minn uliedha,



Marija, Omm il-Knisja, nissel fina mħabba sinċiera lejn il-Knisja ta' Ibnek Ġesù, li tagħha aħna wlied.

għax huma fl-istess Knisja waħda, Marija tistenna li jkunu lkoll ħaġa waħda fl-istqarrija tat-twemmin u fl-imġieba morali tagħhom. Hekk kien talab il-Mulej biex dawk kollha li jemmnu jkunu merħla waħda taħt ragħaj wieħed.

6. L-Omm vera dejjem tnissel fiduċja f'uliedha. Tant ieħor l-ulied insara m'għandha tonqoshom qatt il-fiduċja sħiħa kemm fil-Knisja bħala Omm u kemm f'Marija, Omm l-istess Knisja. Hemm iktar minn raġuni waħda għaliex ulied il-Knisja għandhom ikattru l-fiduċja tagħhom f'Marija. Permezz tagħha mhux biss igawdu l-frott tal-Feddej, iżda jgawdu wkoll dik l-għożża ta' omm li tħares b'imħabba speċjali lejn dawk li jgħixu l-ħajja tal-grazzja, tas-sagramenti u tat-talb bħala ġemgħa nisranija.

Marija, Omm il-Knisja, nissel fina mħabba sinċiera lejn il-Knisja ta' Ibnek Ġesù, u li tagħha aħna wlied. Kompli ħeġġiġna b'dak iż-żelu qaddis biex nagħtu sehemna fil-ħidma apostolika fi ħdan il-parroċċa ħalli nikbru fir-rispett u l-għaqda ta' bejnietna u hekk jistħoqqilna nissejħu veri wliedek.

**DUN SALV GRIMA.**



# Tfal Thobbuha lill-Madonna?

(ANTON FARRUGIA *jkellem lit-tfal devoti tal-Madonna*)

## ANNIVERSARJU IEHOR IMPORTANTI

Minn din il-paġna, is-sena l-ohra kont fakkartkom fid-Dehriet tal-Madonna ġewwa FATIMA li saru fis-sena 1917. Is-sena l-ohra, allura, kien jahbat is-70 anniversarju ta' dawn id-Dehriet. Din is-sena nixtieq infakkarkom li jahbat il-130 anniversarju mid-Dehriet tal-Madonna ġewwa LOURDES. Kien il-11 ta' Frar tas-sena 1858, meta l-Madonna dehret lil Bernardetta, tfajla sinċiera, tajba u marradija, fil-grotta ta' Massabielle, f'Lourdes, belt ċkejkna qrib il-muntanji tal-Pirinej. L-istorja tad-Dehriet tal-Madonna ta' Lourdes hija storja sabiha u interessanti. Il-mirakli kbar u tal-ghaġeb li twettqu hdejn l-Ghar ta' Massabielle, il-pellegrinaġġi li ta' kuljum isiru lejn Lourdes, huma xhieda qawwija tad-devozzjoni kbira li teżisti fost l-insara tad-dinja kollha ghall-Verġni Mbierka taht it-titlu "Ta' Lourdes". Inhajjarkom li matul din is-sena Marjana, issibu xi ktieb li jitkellem mid-Dehriet ta' Lourdes u taqraw ftit mill-istorja. Tibqghu affaxxinati!

## XI TKUN IL-'MARJOLOĠIJA'?

Il-Marjoloġija huwa l-istudju fuq il-Madonna. Kien hawn, u ghad hawn, nies li jghaddu hajjithom kollha jistudjaw fuq il-Verġni Mbierka. Inkitbu eluf kbar ta' kotba fuq il-Madonna. Sahansitra nkitbu enċiklopediji shah u ta' bosta volumi fuq il-Madonna! Kull ftit snin jiltaqghu bosta studjużi minn mad-dinja kollha ghall-Kungress Marjoloġiku li fih jinghata hafna taghrif fuq il-Verġni Mbierka. Inhabirku xejn biex ahna kemm jista' jkun inżidu t-taghrif taghna fuq il-Madonna? Hadna sehem xi darba f'xi quiz fuq il-Madonna? Ghamilna xi proġett fuq il-Madonna? Kemm il-ktieb ghandna fil-librerija taghna fuq il-Madonna? U jekk m'ghandniex kotba Marjani fil-librerija taghna, qed nissellfu xi ktieb fuq il-Madonna mil-Librerija Pubblika jew taċ-Ċentru Parrokkjali? Naghmlu fehma li mal-hafna studji li ghandna nżidu kultant ftit studju tal-Marjoloġija. Tabilhaqq nghidilkom: intom tiehdu pjaċir; il-Madonna tiehu pjaċir bikom u tpattihulkom.

## QUIZ BI PREMJU

Din id-darba wkoll ghandkom Quiz Marjan. Tridu tirrispondu dawn it-tliet mistoqsijiet:

1. Ghal liema xbieha tal-Madonna jkunu qed jirreferixxu meta jghidu: "Il-Madonna s-Sewda"?

2. Ghal liema ġrajja Marjana jirreferixxu meta jghidu: "Is-Sinjura l-Bajda tal-Pirinej"?

3. X'festa tal-Madonna tahbat nhar il-Kandlora, fit-2 ta' Frar?

Ikteb ir-risposti tieghek fuq folja karta. Ikteb ukoll ismek u l-indirizz tieghek fuq l-istess karta, aghlaqha ġewwa envelope u ibghatha lill-Editur,

Rivista "Madonna Ta' Pinu",
Santwarju TA' PINU, Ghawdex.
*Żmien sat-28 ta' Frar, 1988.*
*Ir-rebbieha ta' l-ahhar Quiz huma:*

*1. Jennifer Falzon, Bishop Buttigieg Street, Nadur, Gozo.*

*2. Francine Tabone, 'St. Joseph', Sta. Domenica Street, Victoria.*

*3. Sharon Magro, Plot 69, Ramla Road, Nadur.*

Ir-risposti ta' l-ahhar quiz kellhom ikunu hekk:

1. Il-kelmiet qalithom Santa Elizabetta lill-Madonna.

2. Il-kelmiet qalhom Xmuni lill-Madonna fit-Tempju.

3. Il-kelmiet qalithom il-Madonna lill-qaddejja fit-tieg ta' Kana.




## Ma' Marija fiż-Żgħożija

*Mill-*

KAN. JOE MEJLAK

# X'FARRĠEK FIL-PONT TAL-MEWT?

Matul il-lejl tas-6 ta' Diċembru, 1876, Don Bosco kellu waħda mill-aktar ħolmiet ta' l-għaġeb. Fil-ħolma deherlu Domenico Savio (li kien mejjet), kollu dija u sbuħija. Domenico Savio wrieh li kien mar il-Ġenna.

Fost affarijiet oħra, Don Bosco staqsa lil Domenico Savio:

Don Bosco: X'kienet dik il-ħaġa li l-aktar ikkonsolatek fil-pont tal-mewt tiegħek?

Dom Savio: Aqta'.

Don Bosco: Forsi l-fatt li inti dejjem għożżejt il-virtù tas-safa?

Dom Savio: Iva. Iżda mhux din biss.

Don Bosco: Forsi li kellek il-kuxjenza kwieta?

Dom Savio: Iva, din ħaġa tajba...iżda hemm xi ħaġa aħjar.

Don Bosco: It-tama li se tmur il-Ġenna.

Dom Savio: Lanqas din.

Don Bosco: Forsi l-fatt li int ġemmajt teżori ta' opri tajba?

Dom Savio: Le, le.

Don Bosco: Iva mela x'kien li farrġek u ferrħek fl-aħħar siegħa ta' ħajtek?

Dom Savio: Dak li l-aktar ferraħni fil-pont tal-mewt tiegħi, kien li kelli lil Marija tassistini. Marija, Omm Alla, twajba u setgħana, kienet ħdejja fil-pont ta' mewti. Għidilhom lit-tfal u liż-żgħażagħ biex ma jinsewx jitolbu lill-Madonna sakemm għadhom ħajjin.

# IX-XITAN U Ċ-ĊESS

Fil-ktieb riċenti "Trenta incontri con Maria di Nazareth", u preċiżament f'paġna tlettax, hemm din is-silta fuq il-Madonna.

"Wieħed kittieb darba kiteb li x-xitan huwa espert fil-logħba taċ-ċess. Irid ineħħi min-nofs ir-REĠINA, u hekk isibha ħaġa ħafifa għalih biex jirbaħ lir-RE.

"Mingħajr OMM, huwa diffiċli ħafna nedukaw lilna nfusna għall-ħajja.

"U mingħajr MARIJA, hu diffiċli għalina nedukaw lilna nfusna għall-Vanġelu t'Alla u għall-ħajja eterna."

Minn dan nitgħallmu li huwa żball kbir li nwarrbu min-nofs lil Marija. Jekk inwarrbu lil Marija minn ħajjitna, inkunu tlifna t-triq li twassalna għand Kristu.

Ix-xitan jafu dan. Għalhekk, irid iwarrab min-nofs ir-REĠINA (MARIJA), u hekk isibha ħaġa ħafifa jirbaħ ir-RE (KRISTU).



# Il-Mara tat-Tnax il-Kewkba

*minn*

**Patri Bonaventura Camilleri O.F.M. Conv.**

## Marija: Il-Verġni Mqaddsa

Marija hija dejjem il-Verġni Mqaddsa. Kif hija l-OMM, hija wkoll il-VERĠNI; kif m'hawnx omm oħra bħalHa, l-anqas hawn verġni oħra bħalHa. Marija kienet dejjem verġni: verġni fil-ġisem u verġni fir-ruħ, verġni fis-sensi kollha Tagħha, fil-ħsibijiet, fix-xewqat, fir-rieda.

Kienet Marija totalment ta' Alla: "**Ancilla Domini**" (Lq 1, 38). Mhux għalxejn qallHa l-Anġlu hemm f'Nazaret: "**Int sibt grazzja quddiem Alla** (Lq 1, 30).

Marija totalment verġni, verġni fiżikament u spiritwalment; kienet ukoll verġni tul ħajjitHa kollha: verġni qabel it-twelid ta' BinHa Ġesù Kristu, verġni fit-tnissil u fit-twelid Tiegħu, u verġni wkoll wara t-twelid. Tassew, Marija biss hija l-Verġni fost l-ommijiet kollha, u hija wkoll l-Omm fost il-verġni kollha!

### VERĠNI QABEL IT-TWELID

Igħidilna l-Evanġelista San Luqa li l-anġlu Gabrijel, sitt xhur wara li kien deher u kellem lil Żakkarija, hemm fit-Tempju (1, 11-20), ġie mibgħut minn Alla "**f'belt tal-Galilija, jisimha Nazaret, għand xebba, mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi, mid-dar ta' David. Din ix-xebba kien jisimha Marija**" (1, 26-27).

Hawn Marija darbtejn tiġi msejħa '**xebba**'. Ċertament San Luqa hawn irid jaċċertana li Marija kienet verġni: verġni fiżikament, verġni fil-ġisem, verġni quddiem il-bnedmin.

Però, Marija kienet ukoll verġni spiritwalment, verġni quddiem Alla u quddiem l-anġli Tiegħu. Għaliex? Għax Marija għamlet 'l Alla vot ta' verġinità, vot li tibqa' verġni għal dejjem, ukoll jekk Hija tiġi biex tiżżewweġ: "**Xebba mgħarrsa ma' raġel**". Difatti, meta Marija u Ġużeppi ltaqgħu biex ikunu ta' xulxin, it-tnejn, imnebbħin u mmexxijin mill-Ispirtu ta' Alla, għamlu l-vot li jibqgħu verġni: ikunu tnejn mhux f'ġisem wieħed, imma jkunu tnejn f'ruħ waħda, fi spirtu wieħed, fi ħsieb wieħed, tnejn f'rieda waħda li jwettqu flimkien ir-rieda mqaddsa ta' Alla: it-tnejn jingħataw lilhom infushom 'l Alla; jagħtuH ruħhom u

ġisimhom. Kienet l-umiltà kbira tagħhom li għaqqdithom flimkien u żejnithom b'dan is-safà; ma riedux ifittxu li jkollhom ulied mir-rieda tal-ġisem, biex ma jkollhomx il-ġieħ li minn ħdanhom joħroġ il-Messija mwiegħed, huma li t-tnejn kienu mid-dar ta' David! Għax tassew, kieku dan li qegħdin ngħidu mhux minnu, kieku x'sens għandha dik il-mistoqsija li Marija għamlet lill-anġlu hemm f'Nazaret, meta dan għarrafHa li Alla kien għażilHa biex tkun Omm Ibnu, Omm Ġesù Kristu? Marija hawn staqsietu lill-anġlu u qaltlu: "**Kif ikun dan, ladarba ma nagħrafx raġel?**" (**Lq** 1, 34). Marija ma ddubitatx mill-kliem ta' l-anġlu, mill-ħsieb qaddis ta' Alla; però Hija riedet tkun taf, u kellHa kull dritt li tkun taf, kif sa jseħħ dan il-ħsieb ta' Alla fiHa. Hija aċċettat il-fatt li se tkun omm, omm il-Messija, imma Hija riedet tkun taf il-manjiera: 'ikun dan li qiegħed tgħidli, imma kif?'. U hawn ġibitlu r-raġuni: "**ladarba ma nagħrafx raġel**". Kif setgħet Marija ġġiblu din ir-raġuni lill-anġlu, jekk Hija kellha r-raġel Tagħha, Ġużeppi? Għax Alla lill-arkanġlu Gabrijel bagħtu "**għand xebba, mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi, mid-dar ta' David**" (**Lq** 1, 27). Tassew, is-sens sħiħ u ġenwin ta' din il-mistoqsija ta' Marija lill-anġlu nsibuh fil-vot tal-verġinità Tagħha, kif ukoll ta' l-Għarus Tagħha, Ġużeppi. Marija kienet ċerta mir-rieda ta' Ġużeppi li jħares il-verġinità Tagħha u tiegħu. Għax kieku kif setgħet tagħti liberament 'l Alla l-kunsens Tagħha li ssir Omm Ibnu: kunsens sħiħ, persunali, universali, irrevokabbli: "**Hawn hi l-qaddejja tal-Mulej; ħa jsir minni skond kelmtek**" (**Lq** 1, 38)? Marija ma talbitx lill-anġlu biex, Hija, qabel tagħtih il-kunsens Tagħha, titlob il-permess tal-għarus Tagħha, Ġużeppi; kienet wisq żgura li dak li tagħmel Hi kien jidħol ukoll fir-rieda tiegħu; kienu t-tnejn, kif għedna, ruħ waħda, spirtu wieħed, fehma waħda: li jħobbu 'l Alla b'qalbhom kollha, b'ruħhom kollha, u bil-forzi kollha tagħhom!

U hekk, fis-safa ta' Marija, u għad-dell tas-safa ta' l-għarus Tagħha, Ġużeppi, Alla seta' jwettaq l-aqwa misteru u l-akbar ġrajja: l-Inkarnazzjoni, **l-Iben ta' Alla jsir bniedem u jgħammar fostna!**

## IT-TNISSIL VERĠINALI TA' ĠESÙ KRISTU:

Marija Mqaddsa lil Ġesù BinHa nisslitu fil-verġinità Tagħha, għax Hija nisslitu mhux bis-sehem tar-raġel, imma nisslitu bil-virtù u bil-qdusija u bl-imħabba ta' l-Ispirtu s-Santu. Marija għalhekk lil Ġesù nisslitu b'manjiera soprannaturali, u mhux b'manjiera naturali. Hekk kien wegħedHa l-anġlu hemm f'Nazaret, meta aċċertaHa u qallHa: "**L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa tal-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek**" (**Lq** 1, 35). U għalhekk l-istess anġlu seta' jiżgura lil żewġHa Ġużeppi u jgħidlu: "**Ġużeppi, bin David, la tibżax tieħu lil Marija b'martek, għax dak li tnissel fiha, ġej mill-Ispirtu s-Santu**" (**Mattew** 1, 20). Fit-test ta' San Luqa (1, 35) għandna l-wegħda tat-tnissil verġinali ta' Ġesù minn Marija, waqt li fit-test ta' San Mattew għandna t-twettiq ta' dan it-tnissil verġinali. U bir-raġun; Marija ma setgħetx tnissel lil Ġesù b'manjiera naturali, cioè bis-sehem tar-raġel, għax Ġesù huwa l-Iben ta' Alla, u, kif nistqarru fil-Kredu, "Alla huwa minn Alla". F'din il-verità ried donnu l-anġlu jfakkarHa lil Marija, meta kompla jgħidilHa: "**U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis, u jissejjaħ Bin Alla**" (**Lq** 1, 35). Ġesù, għalhekk, permezz ta' dan it-tnissil verġinali Tiegħu, huwa l-Iben totalment tal-Missier, kemm bħala Alla u kemm bħala bniedem; bħal Alla, Ġesù huwa Iben il-Missier sa minn dejjem: "**ante saecula genitus**"; u bħala Bniedem, huwa Iben il-Missier fil-milja taż-żmien: "**in saeculo natus**". Tassew, Ġesù kellu jitnissel minn Ommu Marija b'manjiera soprannaturali, cioè b'manjiera verġinali, għax Hu kellu jnissel u jifforma bnedmin ġodda, bnedmin li kellhom jitwieldu "**mhux mid-demm, anqas mill-ġibda tal-ġisem, anqas mir-rieda tal-bniedem, iżda minn Alla**" (**Ġov.** 1, 13). B'hekk Ġesù seta' jkun tassew, kif isejjaħlu San Pawl fl-Ittra tiegħu lir-Rumani, "**il-kbir fost ħafna aħwa**" (8, 29).

## VERGNI FIT-TWELID:

Marija lil Ġesù BinHa, wilditu wkoll fil-verġinità tagħHa; fit-twelid ta' BinHa Hija baqgħet verġni, cioè ma tilfet xejn mill-integrità fiżika Tagħha. Għaliex? Sempliċement għax Hija wildet lil Ġesù Kristu, wildet lill-Iben ta' Alla magħmul bniedem; Hija ma wilditx sempliċement bniedem, imma Bniedem-Alla. L-istess Persuna tal-Verb Etern, l-Iben naturali ta' Alla, saret ukoll l-Iben naturali ta' Marija: "**U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun**

**qaddis, u jissejjaħ Bin Alla**". Fit-twelid ta' BinHa, Marija mhux biss ma tilfitx il-verġinità Tagħha, imma iżjed saħħitha u qaddsitha. Jekk il-verġinità ta' Marija sebbħet il-Maternità divina Tagħha, din il-Maternità divina saħħet il-Verġinità Tagħha.

Għaliex niskantaw li Marija, għalkemm saret Omm, baqgħet Verġni? Mela Marija lil BinHa Ġesù ma wilditux ukoll bil-virtù, bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu? Marija lil Ġesù mhux biss nisslitu bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, imma b'din l-istess qawwa divina Hija wkoll wilditu. U kif għalhekk Marija lil Ġesù nisslitu fil-verġinità Tagħha, għalhekk ukoll Hija wilditu fil-verġinità Tagħha. Ma ninsewx li l-Ispirtu s-Santu kien dejjem ħaġa waħda Magħha, l-iżjed kellu jkun Magħha, u realment kien Magħha, fit-tnissil u fit-twelid tal-Messija. Għalhekk Marija ma setgħetx tħoss l-uġigħ fit-twelid ta' BinHa Ġesù Kristu.

Xi ħadd jista' jaħseb jew igħid: imma dan huwa impossibbli! Impossibbli li mara ssir omm u fl-istess ħin tibqa' verġni. Dan ħasbitu wkoll Marija, tant li qaltlu lill-anġlu: "**Kif ikun dan, ladarba ma nagħrafx raġel?**" (**Lq** 1, 34). Inwieġbu aħna kif wieġeb l-anġlu lil Marija: "**Għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir**" (**Lq** 1, 37). Marija hija l-**Mara Privileġġjata**; jekk kull mara oħra, malli ssir omm, titlef il-verġinità tagħha, Marija għall-kuntrarju, meta saret Omm, Hija saħħet u qaddset il-verġinità Tagħha. Marija hija l-'**Virgo singularis**'. Tajjeb niftakru hawn f'dawk il-kelmiet ta' l-anġlu, meta qallHa: "**Ara, il-qariba tiegħek Eliżabetta, fi xjuħitha, hi wkoll nisslet iben fil-ġuf, u ġà għandha sitt xhur dik li għaliha kienu jgħidu li ma jistax ikollha tfal**" (**Lq** 1, 36). Jekk Alla ħaddem il-qawwa Tiegħu biex lil Eliżabetta jagħmilha omm il-Prekursur ta' Ibnu; kemm iżjed Huwa kellu jħaddem din il-qawwa Tiegħu biex lil Marija sela' jagħmilHa Omm dan Ibnu! Quddiem din il-qawwa ta' Alla għebu minn Eliżabetta l-isterilità u d-djufija ta' xjuħitha; u quddiem din il-qawwa divina f'Marija dehru flimkien fl-aqwa sbuħija tagħhom il-Verġinità u l-Maternità Tagħha!

Forsi mhux lil din il-qawwa divina Marija kantat il-Magnificat Tagħha: "**Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej...is-setgħani**



**għamel miegħi ħwejjeġ kbar...Hu wera l-qawwa ta' driegħu**" (**Lq** 1, 46. 49. 51)! Hawn tassew seħħet dik il-profezija

messjanika ta' Isaija: "**Ara, il-Verġni sejra tnissel u jkollha iben, u dan l-Iben issejjaħlu Emmanwel: Alla magħna**" (7, 14; ara: **Mt** 1, 23). Espressiva din il-profezija: Verġni tnissel u Verġni wkoll tiled!

## VERĠNI WARA T-TWELID:

Konna semmejna li kemm Marija u kemm Ġużeppi, it tnejn, għamlu vot ta' verġinità, għażlu li jibqgħu t-tnejn verġni tul ħajjithom kollha; u jekk din kienet irrieda tagħhom qabel it-twelid ta' Ġesù, kemm iżjed issaħħet din ir-rieda tagħhom wara t-twelid. Igħidilna San Mattew, li l-anġlu, dejjem f'isem Alla, kien reħa lil Marija, wara r-ritorn Tagħha minn għand Eliżabetta, f'idejn żewġHa Ġużeppi; qallu: "**Ġużeppi, bin David, la tibżax tieħu lil Marija b'martek, għax dak li tnissel fiha ġej mill-Ispirtu s-Santu. Hi se jkollha iben, u inti ssemmih Ġesù, għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dunbiethom**" (1, 20-21). U Ġużeppi hekk għamel: "**ħa lil Marija għandu. Imma baqa' ma għarafhiex sa ma kellha iben, u ssemmih Ġesù**" (Mt 1, 24-25).

Ġużeppi, l-għarus fidil u kastissimu ta' Marija, la għarafHa qabel u lanqas wara. Kien jaf Ġużeppi li martu Marija hija l-Għarusa ta' l-Ispirtu s-Santu, hija l-magħżula ta' Alla, hija "**il-ġnien magħluq, l-għajn issiġillata**" ta' l-Għanja ta' l-Għanjiet (4, 12). U kieku Marija kellHa wlied oħra, kieku Ġesù BinHa ma kienx ikun l-Iben il-Waħdieni Tagħha, bħalma hu l-Iben il-Waħdieni tal-Missier. Hekk ukoll Hija ma kenitx tibqa' bħala t-Tempju purissimu li fih l-Ispirtu s-Santu kien għaġen u fforma l-Ġisem Imqaddes ta' Ġesù; u hekk Hija stess kienet ferm tonqos mill-gratitudni Tagħha lejn Alla, li għoġbu jżomm b'manjiera mirakuluża l-verginità Tagħha fit-twelid ta' Ġesù BinHa. Jissaħħaħ dan li qegħdin ngħidu jekk niftakru f'dik l-espressjoni li Marija qalet lill-anġlu f'Nazaret: "**Kif ikun dan, ladarba ma nagħrafx raġel?**" (**Lq** 1, 34); dawn il-kelmiet ta' Marija jmissu wkoll il-verġinità ta' Ġużeppi, li miegħu kienet mgħarrsa; iridu dawn il-kelmiet ta' Marija jifirxu l-medda tagħhom mhux biss fl-imgħoddi u fil-preżenti, imma wkoll fil-ġejjieni; il-verġinità Tagħha u ta' Ġużeppi mhix ta' mument, imma hija bħala stat, kundizzjoni ta' ħajja.

Xi ħadd jista' jgħid hawnhekk li kemm San Mattew (1, 25) u kemm San Luqa (2, 7) lil Ġesù jsejħulu bħala l-**Primoġenitu** ta' Marija, "**l-ewwel iben**" Tagħha; donnhom iridu jagħtuna x'nifhmu li Marija kellha wlied oħra wara Ġesù. Le, Marija ma kellhiex ulied oħra; għax l-espressjoni '**l-ewwel iben**' trid tfakkarna li dan l-iben irid jiġi ppreżentat fit-Tempju, bħalma kienet titlob il-Liġi (**ara: Levitiku** 12, 1-8; **Lq** 2, 22-24); din l-espressjoni kellha wkoll sens legali, cioè, li 'l-ewwel iben' huwa l-eredi; għalhekk Ġesù, bħala li huwa 'l-ewwel iben', huwa l-eredi tat-tron ta' David, huwa l-Messija.

Għalhekk San Mattew u San Luqa lil Ġesù jsejħulu 'Primoġenitu' f'sens assolut, cioè fis-sens li Ġesù huwa '**l-Unigenitu**', l-Iben il-Waħdieni ta' Marija, u mhux f'sens relattiv, cioè li warajH kien hemm ulied oħra. Imbagħad fil-Kotba Mqaddsa nsibu kemm-il darba l-kelma 'Primoġenitu' fis-sens ta' 'Uniġenitu'.

Ħaġa oħra: fil-Vanġelu niltaqgħu ma' l-aħwa ta' Ġesù: subien u bniet; hekk per eżempju, f'**Mattew** 12, 46-47: "Kif kien għadu jkellem lin-nies, ġew ommu u **ħutu**, waqfu barra u fittxew li jkellmuh. Xi ħadd qallu: 'Ara, ommok u **ħutek** qegħdin barra jfittxu li jkellmuk" (**ara: Mt** 13, 55; **Mk** 6, 3; **Ġov** 2, 12; **Atti** 1, 14). Nistaqsu: dawn 'ħutu' kienu verament l-aħwa karnali ta' Ġesù? Le, imma kienu l-kuġini Tiegħu, jew qraba Tiegħu; aktarx kienu wlied Kleofa, li kien ħu Ġużeppi, ir-raġel ta' Marija. Imbagħad, ngħidu aħna, kieku Ġesù kellu tassew ħutu, għaliex Hu, meta kien fuq is-Salib, lil Ommu ħalliHa f'idejn Ġovanni, f'idejn wieħed barrani, għalkemm kien ħabib intimu Tiegħu, u ma ħallihiex f'idejn wieħed minn dawn 'ħutu'? Possibbli kollha mietu f'qasir żmien?

## OMM U VERĠNI:

Marija hija tassew il-mera ta' BinHa Ġesù Kristu, u Ġesù huwa l-mera t'Ommu Marija, it-Tnejn jagħtuna l-vera fiżjonomija ta' xulxin. Ġesù huwa veru Alla u veru Bniedem; u Marija hija Omm u Verġni. L-Umanità ta' Kristu trid turina li Marija hija vera Omm; waqt li d-Divinità Tiegħu trid turina li Ommu hija wkoll Verġni. Hekk ukoll: il-Maternità ta' Marija trid taċċertana li Ġesù huwa veru Bniedem; waqt li l-Verġinità Tagħha trid tfakkarna li Ġesù, BinHa, huwa wkoll veru Alla: għax Verġni jixraq li tkun Omm l-Iben ta' Alla!

# MILL-ĦAJJA TAS-SANTWARJU

*Miġbura minn* **DUN KARM BORG**



**SETTEMBRU:**

**1.** Miss Maria Gallo organizzat pellegrinaġġ mill-parroċċa tal-Imsida. Qaddes Dun Ġużepp Mifsud għal dawk li ħadu sehem fil-pellegrinaġġ.

**4.** Sar pellegrinaġġ mix-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla tal-Parroċċa tal-Mosta. Il-pellegrinaġġ kien immexxi minn Dun Anġ Camilleri li qaddes ukoll għall-pellegrini fis-Santwarju.

Fl-istess jum Dun Reggie Camilleri mexxa wkoll pellegrinaġġ mit-tfal tal-Mużew tan-Nadur għal ta' Pinu. Huwa qaddes għalihom fis-Santwarju.

**5.** Peress li kien l-ewwel Sibt tax-xahar, il-Fergħa Ewkaristika bħas-soltu żammet il-laqgħa tagħha fis-Santwarju. Saret quddiesa u siegħa adorazzjoni.

**6.** Fr. Richard Grech qaddes għal grupp ta' tfal minn Għajnsielem li ġew f'pellegrinaġġ għal Ta' Pinu. Sar ukoll talb ieħor lill-Madonna.

**8.** Fl-okkażjoni tal-Festa tat-Twelid tal-Madonna sar pellegrinaġġ mill-Knisja ta' Santu Rokku ta' Birkirkara. Il-pellegrini ħadu sehem f'quddiesa li saret għalihom fis-Santwarju.

Fl-istess jum fil-għaxija saret ukoll quddiesa kantata bl-Għasar integrat mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' l-Għarb.

**9.** Sar pellegrinaġġ mill-Grupp tal-Anzjani tal-Furjana. Fis-Santwarju ta' Pinu saret quddiesa u talb ieħor lill-Madonna.

**10.** Waqt żjara tagħhom f'Għawdex, il-grupp tal-Abbatini u l-membri tal-Kor tal-parroċċa ta' l-Isla għamlu vista lis-Santwarju. L-Arċipriet Dun Vinċenz Cachia li akkumpanja lill-grupp qaddes għalihom fis-Santwarju.

**23.** Grupp ta' familji miż-Żebbuġ għamlu pellegrinaġġ ta' ringrazzjament għal Ta' Pinu. Qaddes għalihom il-Kan. Dun Karm Cini.

**29.** Fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Mikiel, il-Kummissjoni Djoċesana Rġiel organizzat laqgħa għall-irġiel Għawdxin fis-Santwarju. Saret nofs siegħa adorazzjoni u wara qaddes għalihom l-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi li wasslilhom ukoll messaġġ qasir.

**OTTUBRU:**

**3.** Il-Fergħa Ewkaristika żammet il-laqgħa tagħha ta' kull xahar fis-Santwarju. Attenda għadd sabiħ ta' devoti tal-Ewkaristija minn diversi parroċċi ta' Għawdex.

**4.** Fr. Richard Grech mexxa pellegrinaġġ minn Għajnsielem għal ta' Pinu. Huwa qaddes għall-pellegrini fis-Santwarju.

**11.** Grupp ta' membri Nisa tal-Legion of Mary għamlu irtir fil-kumpless ta' Pinu.

**21.** Il-Kurja tal-Legion of Mary "Marija Immakulata" organizzat pellegrinaġġ għal ta' Pinu. Il-Kan. Dun Karm Cini qaddes għalihom fis-Santwarju u għamel kelmtejn ta' l-okkażjoni.

**22.** L-Arċipriet Mons. Salv Borg qaddes fis-Santwarju fl-okkażjoni ta' pellegrinaġġ organizzat mil-Ladies Society tal-

parroċċa ta' San Ġorġ. Wara sar ukoll Coffee Morning fir-Restaurant ta' ħdejn is-Santwarju.

**28.** Kor Ġermaniż ta' 90 persuna ġie f'pellegrinaġġ għal ta' Pinu fejn saritilhom quddiesa konċelebrata li tmexxiet mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi. Wara kienu mistiedna għal ikla li saret fir-restaurant ta' ħdejn is-Santwarju fuq inizjattiva tal-Moviment Azzjoni Soċjali.

Fl-istess jum saret laqgħa għat-tfal li matul is-sena 1987 irċevew is-sagrament tal-Griżma tal-Isqof. Qaddes għalihom Mons. Isqof u wasslilhom ukoll il-messaġġ tiegħu. Ġie mogħti wkoll ktieb dwar il-Madonna lil kull tifel u tifla li ħadu sehem f'din il-funzjoni.

**NOVEMBRU:**

**1.** Ġie organizzat pellegrinaġġ mill-Azzjoni Kattolika ta' Għawdex fl-okkażjoni tas-Sena Marjana u tas-37 anniversarju mid-definizzjoni tad-Domma ta' l-Assunta, b'talb speċjali għas-suċċess tar-Raba' Missjoni Djoċesana li kellha ssir mill-14 sat-28 ta' Novembru, 1987. L-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof mexxa Konċelebrazzjoni flimkien mal-Assistenti Ekkleżjastiċi tal-Azzjoni Kattolika.

Fl-istess jum ġie organizzat ukoll Irtir għal-leġjunarji studenti tal-parroċċa tax-Xagħra fil-kumpless tas-Santwarju ta' Pinu.

**4.** Ġie organizzat pellegrinaġġ għas-Santwarju mil-leġjunarji tal-parroċċa ta' Għajnsielem. Saret quddiesa u talb ieħor lill-Madonna.

**7.** Kien l-ewwel Sibt tax-xahar. Bħas-soltu saret il-laqgħa tal-Fergħa Ewkaristika li għaliha attendew nies minn diversi parroċċi ta' Għawdex.

**21.** Saret quddiesa kantata bl-Għasar integrat mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb fl-okkażjoni tal-festa tal-Preżentazzjoni tal-Madonna.

**DIĊEMBRU:**

**5.** Saret il-laqgħa tal-Fergħa Ewkarstika. Il-membri ħadu sehem f'quddiesa u siegħa adorazzjoni li saret wara.

**8.** Fl-okkażjoni tal-Festa tal-Immakulata, il-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' l-Għarb mexxa Għasar u Quddiesa Kantata tal-Madonna.

**12.** Il-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb mexxa Għasar Kantat bil-Malti peress li kien lejlet l-anniversarju tal-Konsagrazzjoni tas-Santwarju.

**13.** Fl-okkażjoni tal-Anniversarju tal-Konsagrazzjoni tas-Santwarju, il-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' l-Għarb mexxa l-Kant tal-Uffiċċju tal-Qari u t-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum fit-8.30 a.m. waqt li fit-3.30 p.m. sar ukoll it-II Għasar kantat tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja. Saret ukoll quddiesa kantata bl-omelija mill-Kan. Dun Karm Cini.

**25.** Fil-lejl tal-Milied saret il-quddiesa ta' bil-lejl li tmexxiet mir-Rev. Rettur Mons. Beneditt Camilleri.

**26.** Il-Moviment Ewkaristiku ta' Għawdex mexxa lejl ta' Talb fis-Santwarju. Beda b'quddiesa li tmexxiet minn Mons. R. Borg, Direttur tal-Moviment.

## IL-MATERNITÀ TAL-MADONNA

Il-misterju tal-maternità divina ta' Marija hu l-bażi tal-privileġġi kollha tal-grazzji tagħha: Kunċizzjoni, Verġinità u Tlugħ fis-Sema.

*(F. Salvestrini).*

Marija hi Ommna, għax nisslitna mill-ġdid permezz ta' Ġesù fil-grazzja: Eva, l-omm tal-ħajja — Marija, Omm tal-fidili bil-grazzja.

*(Giovanni XXIII).*

Fil-ħajja tan-nisrani kollox hu mdawwal b'nota ħelwa u sabiħa li tmiss il-qalb: Marija Omm tagħna.

*(Giovanni XXIII).*

# Grazzi Madonna Għax Smajtni



Dear Father,

Whilst on holiday in Malta in October, I visited your shrine, and prayed for my son's intention promising to send money as a gift. The prayer was granted, and I am happily sending this small donation as a thank you.

Yours sincerely,
**Kathleen.**

Sur Editur,

Jiena N.N. miż-Żejtun, Malta. Qiegħda niktiblek billi nixtieq nirringrazzja lill-Madonna ta' Pinu, ta' grazzja kbira li qalgħetli meta s-sena l-oħra, kelli xi ftit ta' l-inkwiet, iżda bil-għajnuna tal-ħanin Alla, kollox irranġa ruħu.

Grazzi Madonna għax smajtni.

Sur Editur, grazzi ħafna, nixtieq li ġġib ismi fil-lista ta' dawk il-Maltin li qalgħu xi grazzja.

Dejjem tiegħek,
N.N.

**GĦAWDEX:**

J. Vella; Manwel Rapa; Ursola Formosa; Familja Curmi; Ġorġ Borg; Michael Pace; Emmanuel Cini; Grezzju Camilleri; Mr. & Mrs. Angelo Cassar; John Mercieca; Lucy Saliba; Antonia Grech; Karmena Sultana; Rosa Cefai; Dun Ġużepp Bajada; Maria Vella; Grezzja Galea; Pawla Grech; Maria Mintoff; Lorenza Bajada; Salvina Sultana; Ġiljan Agius; Ġuża Said; Franġiska Vella; Lorenza Grech; Ġużeppa Sammut; Tereża Mifsud; Rosaria Attard; Carmen Muscat; Tessie Vella; Familja Grima; M'Jane Sultana, Marija Spiteri, Evanġelista Saliba; Tereża Sultana; Adriano Mizzi; Rose Grima; Miriam Sultana; John Muscat; Silvia Saliba; Filomena Zammit; Constantino Camilleri; Carmen Bonnici; Kelinu Mizzi; Joe & Rita Grech; Philip Apap; Rita Mifsud; Josephine Grech; Maria Sarè; Lina Vella; Maria Debrincat; Rose Camilleri; Michael Buttigieg; Ġina Calleja; Josephine Farrugia; Pawla Sultana; Elizabetta Vella; Jane Vella; Joseph Vella; Peter Buttigieg; Assunta Scicluna; Mrs. Allison; Ġina Camilleri; Maria Attard; Elizabeth Curmi; Maria Borg; Rosa Camilleri; Marianna Muscat; Angela Borg; Angela Mizzi; Maria Caruana; Maria Portelli; Violet Buttigieg; Ġuża Grech; Annette Grima; Sunny Fenech; Stella Aquilina; Francis Camilleri; Klementa Grech; Frans Magro; Brian Pace; Frances Saliba; Margaret Gatt; Emmanuel Azzopardi; Ġużepp Sultana; Emmanuel Attard; Carmel Cauchi; Maria Zammit; Ġuża Grech; Maria Mizzi; Franġisku Grech; Martina Xuereb; Maria Vella; Maria Bartoo; Carmel Bigeni; Le Spigolatrici; Franġisk Grima; Toni Sultana.

Carmela Rapa; Anna Mari Gauci; Nazzarena Azzopardi; Sam u Benna Camilleri; Josephine Sultana; Maria Mercieca; Rita Camilleri; Margaret Axiaq; Coronata Sultana; Victoria

Grech; Victoria Camilleri; Elia Galea; Mary Camilleri; Carmen Muscat; Carmela Azzopardi; Antonia Portelli; Rosa Muscat; Rita Cauchi; Rita Tabone; Jane Mercieca; Maria Vella; Rita Mifsud; Michael Vella; Ġuża Debrincat; Joseph Attard; Mario Galea; Joseph Buttigieg.

MALTA:

Nikolina Farrugia; Lina Vassallo; Josette Attard; Mary Magro; Mariella Cassar; Grezzju Galea; Frances Cutajar; Charmaine Galea; Iris Spiteri; Doris Cardona; Vicky Gauci; Carmen Pace; Manwel Zammit; Micheline Mifsud; Profs. & Mrs. J. Aquilina; Mrs. Taylor; Maria Assunta Pisani; Mario Spiteri; Doreen Zammit; Anthony Curmi; V. Dimech Debono; Ġużeppa Camenzuli; Veronica Galea; Nazzarena Muscat; George Zammit; Josephine Agius; Carmela Grech; Joseph Vella; Karmena Ciscaldi; Anthony Micallef; Carmen Chircop; Joseph Bugeja; Vince Ellul; Salvu Vassallo; Frans Muscat; Grace Micallef; Josephine Harmsworth; Karmenu Azzopardi; Maria Fedele; Mario Xerri; Rita Enriquez; Alfrida Borg; Joe Coleiro; Victor Vella; Jane Bellizzi; Maria Mintoff; Miriam Bonnici; Rita Zerafa; Michaela Sultana; Josephine Micallef; Sharon Busuttil; Grezzja Sultana; Angela Cauchi; Grace Darmanin; Anton Darmanin; Louis Attard; Cettina Zammit; Domitilla Galea; Carmen Galea; John Tanti; Familja Gauci; Maria Galea; Josephine Schembri; Antonia Grech; Teresa Buttigieg; Beneditt Axisa; Carmela Baldacchino; Mrs. Zahra; Michael Grech; Rita Montebello; Lilian Cassar; Anton Cassar; Natalie Cassar; Ġuzi Vella; Louis Aquilina; Doris Galea; Grezzja Ellul; Maria Abela; Jane Cuschieri; Margaret Farrugia; Maria Gauci; Emmanuel Pace; Ġużeppi Camilleri; Lina Quattromani; Maria Vassallo; Teresa Zahra; Josephine Bonnici; Carmen Chircop; Maria Micallef; Ġuditta Gauci; Lorenza Schembri; Charles Tanti; Michael Agius; Salvina Micallef; Antonia Chetcuti; Familja Micallef; Doreen Caruana; Patrick Zrinzo; Lorenzo Frendo.

Gemma Cini; Vincent Debono; Ġanni Saliba; Salvina Caruana; Maria Dalli; Venera Vella; Lina Abela; Salvu Cutajar; Sunta Muscat; Marthese Vella; Joseph Refalo; Reno Fenech; Carmelo Apap; Chris Azzopardi; Carmen Bajada; Clayton Fenech; Maria Rita Diacono; Charlie Brincat; Maria Alphonse; Connie Muscat; Maria Farrugia; Ġużeppa Portelli; Jane Apap; Lillian Gasan; G. Zahra; Josephine Muscat; Erik Tabone; Doris Borg; Joseph Haber; Rita Sultana; Joyce Pirotta; Joseph Turban.

U.S.A.

Luciana Spiteri; Rita Portelli; Josephine Muscat; Carmen Camilleri; Frank & Maria Rapa; Mario Haber; Mario Haber; Marisa Borg; Fortun Farrugia; Joe Galea; Doreen Farrugia; Jane Azzopardi; Ethel Kaplan; Rose Vella; Mary Bajada; Michael Spiteri; Rita Vella.

AUSTRALIA:

Olimpia Frendo; Pauline Hersey; Ġużepp Vella; James & Margaret Vella; Peter & Dorien Vella; Thomas Aquilina; Joe Cini; Mary Mizzi; Mary Calleja; Michael Bezzina; Antoinette Cefai; Maria Galea; C. Borg; E. Gatt; Mary Cini; Diane Cini; Antonia Cardona; Doris Attard; Victoria Zammit; Joseph Cini; Paul Muscat; John Attard; Josephine Cauchi; Carmen Portelli; Joe Cauchi; Domitilla Vella; Nazzarenu Gatt; Lonza Gatt; Paul Grima; Maria Camilleri; N. Camilleri; Mary Cassar; John Vella; Louis Vella; Tancred Sultana; Frances Portelli; Mary Portelli.

KANADA:

Nikolina Farrugia; Rose Farrugia; Lucy Bellizzi; Antoinette Attard; Rose Fenech; Nick Gatt; Rita Farrugia; Josephine Schembri.

## QASSISIN LI QADDSU FIS-SANTWARJU:

Rev. Joseph Camilleri Cini; Fr. Martinjan Cutajar; Can. Joseph Grech; Patri Ġużepp Camilleri OFM.; Fr. Frans Micallef; Fr. Carmel Tabone; Saċ. Anton Zammit; Fr Marcellino Micallef OFM.; Fr. Paul Cardona; Fr. Paul Galea; Dun Charles J. Scicluna; Dun Frans X. Bianco; Fr. Edigio Galea; Fr. Anton Attard Cumbo; Fr. Benvenut Vella OFM Cap; Fr. Carmel Curmi; Fr. Noel Vassallo; Dun Ġorġ Frendo; Mons. Anton Grech Vella; Fr. Anthony Caruana; Dun Anton Bajada; Fr. Martin Caruana OP.; Fr. Paul Formosa OSA.; Fr. Joe Farrugia OSA.; Can Benjamin Attard; Mons. Rużar Ġ. Borg; Can. Anton Mejlak; Fr. Joe Abdilla; Fr. Victor J. Camilleri MSSP.; Fr. Alex Bezzina; Fr. Renato Borg; Dun Ġorġ Vella; Fr. Cornelio Bonello; Fr. Eddie Zammit; Fr. Ġuzi Debono; Fr. Gerard Buhagiar; Fr. Victor Buhagiar OFM.; Fr. Frankie Debono OFM Conv.; Fr. Anton Zammit OFM. Conv.; Fr. Vince Fenech; Fr. Noel Vassallo; Fr. Joseph Borg; Fr. Joseph Ellul; Fr. John Camilleri SJ; Kan. Salv Pace; Dun Salv Vella; Dun Ġużepp M. Micallef; Dun Fortunat Axiak; Fr. Alfred Sciberras.

Rev. Emmanuel Spiteri; Fr. Marco M. Baron OP.; Dun Marjan Zammit; Fr. John Buhagiar; Fr. Tony Buhagiar OSA.; Saċ. Frankie Sultana; Mons. Arċip. Salv Muscat; Can. Salvatore Curmi; Rev. Fr. John Muscat; P. Josè Galea; Fr.

Salvino R. Galea SJ; Don Joe Galea; Fr. Carmel Borg; Dun Anton Refalo; Dun Karm Refalo; Dun Alex Refalo; Can. Carmelo Cini; P. Arkanġlu Azzopardi OFM Cap.; Rev. Lawrence Zammit; Dun Mario Cassar; Dun Anton Attard; P. Paul Attard OFM.; P Twanny Chircop OFM.; Can. Lawrenz Bonnici; P. Ċens Buhagiar OFM Cap.; P. Tonio Mifsud; P. Albert Brincat O.Carm.; Fr. Fabio Attard DB.; Dun Karm Borg; Saċ. Carmelo Gauci; Dun Alfred Xuereb; Fr. Martin Coleiro OFM.; Can. John Bartolq; Dun Ġużepp Mifsud Bonnici; Rev. Lawrence Zammit.

## ŻWIĠIJIET LI SARU FIS-SANTWARJU:

Marċell Agius mix-Xewkija u Antoinette Vella mix-Xewkija; Jimmy Grech minn Victoria (San Ġorġ) u Marlyn Vella minn Victoria (Katidral); Joseph Portelli u Anna Gauci; John Bonello min-Nadur u Maria Gambin minn Kerċem; Salvu Vella mix-Xewkija u Miriam Attard mill-Gharb; Joseph Vella minn San Lawrenz u Lorenza Grima minn San Lawrenz; Anthony Portelli u Mary Micallef mill-Gharb; Anthony Muscat min-Nadur u Mary Carm Xiberras mix-Xewkija.

## PREŻENTAZZJONI TA' TRABI LILL-MADONNA:

Moira Caruana — Żurrieq; Charles James Cardona — Tarxien; Anthony Micallef — Msida; Samaria Attard — B'Kara; Christopher Degiorgio — Naxxar; Francesco Darmanin — Hamrun; Alisia Camilleri — Qormi; Alan Camilleri — Qormi; Manwel Mizzi — Hamrun; Maria Mizzi — Hamrun; Amando Aquilina — Qormi; Chrystal Ellul — Żabbar; Christopher Mizzi — Victoria; Louise Farrugia — Qormi; Clifton John Cachia — B'Kara; Patrick Quattromani — Manikata; Karl Saliba — Ta' Xbiex; Joseph Rapa — Xewkija; Josette Sultana — Xaghra; Alexia Camilleri — Santa Venera; Sephora Cassar — Kalkara; Maria Tereża Balzan — Siġġiewi; Jennifer Muscat — Manikata; Christina Azzopardi — Ta' Xbiex; Robert Camilleri — Naxxar; Hubert Paul Farrugia — San Ġwann; Chantelle Dalli — Qormi; Joseph Cilia — Qormi; Joseph Cefai — Żebbuġ, Ghawdex; Anuarite Micallef — San Lawrenz; Blyth Dolores Meli — Dingli; Clayton Fenech — Rabat, Malta; Bianca Michela Said — Madliena; Maureen Spiteri — Żurrieh; Gordon Farrugia — Hamrun; Amanda Farrugia — Hamrun; Ruth Gaetana Vella — Mġarr; Maria Helen Grech — B'Kara; Diandra Caruana — San Ġwann; Stephanie Spiteri — Sannat; Rodrick Vella — Xewkija; Dorielle Bigeni — Xaghra; Jean Paul Muscat — Mosta; Robert Cortis — B'Kara; Patrick Paul Farrugia — New York; Janessa Pisani — Sannat; Keith Ryan Calleja — Attard; Bernardette Aquilina — B'Kara; Silvio Grima — Sannat; Marzia Carbonaro — Fgura; Marlyn Cremona — Xaghra; Gabriela Maria Formosa — Rabat, Malta.

## IL-MATERNITÀ TAL-MADONNA

Ftakar, O Omm, f'uliedek kollha; aghtihom il-Fidi, sahhah fihom il-karità u t-tama.

*(Saċ. T. Giaccardo).*

Il-qalb t'Ommna Marija hija kollha mhabba u hniena — ma tixtieqx ghajr li tarana ferhanin. Jehtieġ li nersqu lejha.

*(Il-Kurat t'Ars).*

Ahna wlied Marija, mela nkunu dejjem preokkupati kif noghġbuha u nġibulha unur.

*(Giovanni XXIII).*

Marija hija l-aktar mahbuba, appuntu ghax hi omm u ghalhekk aktar qrib ghall-qlub taghna.

*(Chiara Lubich).*

A.M.D.G.

# Servizz Soċjali bit-Telefon mill-Prayer Group "Madonna ta' Pinu"

*mis-6.30 p.m. sat-8.30 p.m.*

**Ċempel fuq dawn in-numri**

| IT-TNEJN | IT-TLIETA | L-ERBGHA | IL-HAMIS | IL-ĠIMGHA | IS-SIBT |
|---|---|---|---|---|---|
| TEL. NO. | TEL. NO. | TEL. NO. | TEL. NO. | TEL. NO. | TEL. NO. |
| 552608 | 554051 | 552608 | 551511 | 554051 | 551511 |

*Meta ċċempel staqsi għas-*"SERVIZZ SOĊJALI TA' PINU"

**Int Devot tal-MADONNA TA' PINU????**
**TRID tagħtiHa xi ĦIDMA voluntarja,**
**mas-SANTWARJU tagħHa ta' Pinu????**

*X'tista' tagħmel!!!*

* *"Servizz Soċjali bit-Telefon".*
* *"Kuntatti għall-Ħidma ta' Paċi".*
* *"Usher fil-Quddiesa tal-5.00 p.m. il-Ħadd".*
* *"Gwida matul il-weekend fil-Mużew ta' Karmni Grima jew ta' Frenċ ta' l-Għarb".*

*Jekk tħoss li għandek tgħin f'xi waħda minn dawn l-attivitajiet:*

- *Kellem lir-Rettur tas-Santwarju,*
  *Mons. Dun Beneditt Camilleri.*
- *Ikteb lis-Segretarja: Prayer Group "Madonna ta' Pinu", c/o Santwarju Ta' Pinu, Għawdex.*
- *Attendi għal-laqgħa tal-Prayer Group "Madonna ta' Pinu" fir-4 Ħadd tax-xahar, fid-9.30 a.m. fis-Santwarju.*



IS-SANTWARJU TA' PINU MIBNI WARA LI L-MADONNA KELLMET LIL KARMNI GRIMA.

*"Il-Verġni Marija li mit-tħabbira tal-Anġlu laqgħet f'qalbha u f'ġisimha l-Verb t'Alla u ġabet il-ħajja lid-dinja, hu magħrufa u unurata bħala vera omm ta' Alla u tar-Redentur. Hi stess meħlusa b'mod sublimi, in vista tal-merti ta' Binha u Miegħu marbuta minn rabta iebsa li ma tinħallx, hi mqħonija b'uffiċċju l-aktar għoli u bid-dinjità ta' Omm tal-Iben t'Alla, u għalhekk bint maħbuba tal-Missier u tempju tal-Ispirtu s-Santu: u li minħabba dan id-don tal-grazzja l-aktar għolja tisboq b'mod kbir lill-kreaturi l-oħra kollha fis-sema u fl-art. Hi madankollu marbuta flimkien mar-razza ta' Adam mal-bnedmin kollha fi ħtieġa tal-fidwa, anzi hi "tassew omm tal-membri (ta' Kristu) ...għaliex ikkooperat bl-imħabba għat-twelid tal-fidili tal-Knisja, li ta' dak ir-Ras huma membri". Għal dan hi magħrufa wkoll bħala l-membru singulari u ewlenija tal-Knisja u figura tagħha u mudell l-aktar perfett ta' fidi u ta' karità, u l-Knisja Kattolika, mgħallma mill-Ispirtu s-Santu bl-imħabba ta' pietà ta' bint tivveneraha bħala Omm l-aktar maħbuba".*

*(Mill-Kostituzzjoni Dommatika "Lumen Gentium")*